# Il-Ħajja f'Għawdex

Nru. 843

Novembru 2002

GOZO CATHEDRAL
PUBLIC LIBRARY
DONATED BY
G. Portelli
9/05
(DATE)
GAD
113805




## L-Oratorju Don Bosco u l-formazzjoni taż-żgħażagħ


LUMEN CHRISTI
366 BIBLE STORIES
IL-BIBBJA GĦAT-TFAL FI 365 STORJA
OLIVER FRIGGIERI
L-ISTORJA TA' ĠESÙ
miktuba għat-tfal
IL-BIBBJA GĦAT-TFAL
366 Fairy Tales
THE BIBLE for Children
Classic Enid Blyton Stories
Ktieb tajjeb huwa l-aqwa ħabib...
365 TALBA GĦAT-TFAL
My Big Fun Book of NUMBERS
Fil-"Lumen Christi" issib kemm trid!
BAZAAR PERMANENTI
BI SKONT TA' 10%
FUQ KOTBA MILL-ISBAĦ
għat-tfal
KNOW THE WORLD OF ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
FIRST FUN ENCYCLOPEDIA
alphabetical order
more than 500 illustrations and photographs
activities and puzzles
Children's WORLD ATLAS
WORLD HISTORY ENCYCLOPEDIA
MILLENNIUM EDITION
THE ILLUSTRATED FLAG HANDBOOK
A guide to over 200 flags from around the world
MARIA COSTANTINO
MY BOOK OF EUROPE
THE EUROPEAN COMMUNITY and how it works
My Book of SCIENCE EXPERIMENTS

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Tibdil fid-Direzzjoni • 8
Għawdex 300 sena ilu –
Ilma għall-Palazz tal-Gvernatur • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
L-Oratorju Don Bosco-Ċentru b'missjoni unika għaż-Żgħażagħ Għawdxin • 12
Letteratura Għawdxija • 19
ACM: Qaddis Ġdid • 20
Bookmark • 22
Mill-Knisja fid-Dinja • 23
Tifsir fuq it-tagħlim tat-Twemmin Nisrani (12) • 24
It-Tifkira Solenni tal-Fidili Mejtin kollha fil-Liturġija • 26
Mediterranea • 28
Il-Biedja f'Għawdex (10) • 30
Wirt Gżiritna –
Ġużeppi Grech u il-Mitħna ta' Kola fix-Xagħra • 34
Madre Margerita De Brincat • 36
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 843***
***Novembru 2002***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Ottubru,2002*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


**Ritratt tal-Qoxra:**
L-Oratorju Don Bosco
(ara l-intervista f'paġni 12-17)

# EDITORJAL

## Sehem il-Knisja Lokali fl-Edukazzjoni ta' Wliedna

*Issa li s-sena skolastika l-ġdida reġgħet qabdet ir-rankatura solita tagħha, ħsibt li jkun xieraq li naqsam magħkom xi osservazzjonijiet dwar is-sehem tal-Knisja lokali fl-edukazzjoni u l-formazzjoni ta' wliedna.*

*L-ewwelnett din is-sena, wieħed jrid jinnota b'ċertu sodisfazzjon it-twelid ta' l-ewwel skola sekondarja privata tal-bniet fil-gżira tagħna li bħas-Seminarju Minuri taqa' taħt il-kappa tad-Djoċesi ta' Għawdex. Qiegħed nirreferi għall-iskola sekondarja l-ġdida tal-Konservatorju li dwarha kien ilna għal dawn l-aħħar snin nisimgħu bil-ħsieb u x-xewqa li din l-idea ssir konkreta. Illum, wara żmien ta' ppjanar u sagrifiċċji mhux żgħar, id-Djoċesi ta' Għawdex qegħda, permezz ta' din l-iskola, toffri alternattiva oħra u possibilità ta' għażla lill-istudenti bniet Għawdxin. Inizjattiva ta' min ifaħħarha u jalla tirnexxi u tħalli l-frott mixtieq.*

*Is-sehem u l-impenn tal-Knisja tagħna fl-edukazzjoni u l-formazzjoni nisranija ta' wliedna kien minn dejjem minn ta' quddiem , u dan jidher biċ-ċar fil-kontribut li qegħdin jagħtu l-iskejjel tal-Knisja mhux biss ma' l-istudenti ż-żgħar tagħna, permezz ta' l-iskejjel hekk imsejħa tas-Sorijiet, imma wkoll mal-istudenti l-kbar li jkunu fuq l-għatba ta' l-għażla ta' l-istat jew karriera tagħhom, l-ewwel permezz tas-Seminarju Minuri u issa permezz ta' l-iskola l-ġdida tal-bniet fil-Konservatorju ta' l-Isqof.*

*Dan id-Djoċesi tagħna qegħda tagħmlu, u tkompli tagħmlu għax temmen bis-sħiħ fl-edukazzjoni u l-formazzjoni nisranija bażika tal-ġenerazzjoni futura. L-isforz u l-impenn tad-Djoċesi f'dan il-qasam ovvjament mhux wieħed faċli, iżda dan il-Knisja tagħmlu b'fedeltà għall-missjoni tagħha ta' edukatriċi u għall-prinċipji fundamentali li temmen fihom.*

*Jixraq għalhekk li wieħed jitgħallem japprezza iżjed din il-ħidma, ħafna drabi siekta, tal-Knisja u jkun rikonoxxenti lejn din l-"Imgħallma tal-ħajja", kif kien iħobb isejħilha l-Papa Pawlu VI, għas-sehem uniku tagħha fil-formazzjoni ta' kull wieħed u waħda minna. Minn hawn insellmu lil dawk kollha li kienu jew huma nvoluti f'din it-tip ta' ħidma (għalliema, staff ... ecc) u lil dawk il-mijiet ta' ex-alunni tas-Seminarju t'Għawdex u ta' l-iskejjel kollha tal-Knisja fid-Djoċesi li taw kontribut fundamentali u ewlieni lis-soċjetà Maltija f'kull qasam, kemm dak reliġjuż kif ukoll dak politiku, ċivili u mediku. Dan hu l-isbaħ ċertifikat!*




Seminarista Victor Said

## *FTUĦ TAS-SENA AKKADEMIKA*

Fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sena skolastika Mons Isqof kellu diversi impenji fl-iskejjel kemm ta' l-Istat kif ukoll tal-Knisja. Fl-20 ta' Settembru 2002 huwa mar fis-*Centre For Further Studies* fejn fid-9.00 a.m. mexxa konċelebrazzjoni flimkien mad-Direttur Spiritwali Dun Ġwann Curmi u saċerdoti oħra għall-għalliema ta' dik l-iskola. Fl-omelija Mons. Isqof qal li kull edukatur jgħallem lil min jgħallem u jgħallem fejn jgħallem irid jikkomunika l-valuri. Dan jikkomunikahom fuq kollox bix-xhieda, l-imġieba u l-mentalita` tiegħu billi jwassal tagħlim sod.

Mons Isqof wara żar l-iskola "Agius De Soldanis", l-iskola tal-bniet, fejn iltaqa' ma' l-għalliema tar-reliġjon. Mons Isqof minbarra li saħaq fuq il-preparazzjoni tajba għal-lezzjonijiet, għamel kuraġġ lill- għalliema billi ħeġġiġhom biex ma jaqtgħux qalbhom iżda jafdaw f' Alla, għaliex xi ħaġa dejjem tibqa' mit-tagħlim li jingħata.

Wara l-Isqof Nikol Cauchi kellem ukoll lill-għalliema tar-reliġjon tal-kumpless "Ninu Cremona". Mons Isqof semma' li mhux biżżejjed li wieħed ikun jaf tajjeb il-kontenut u jippreżentah tajjeb iżda huwa meħtieġ li wieħed ikun jaf tajjeb lill-istudenti u jagħtihom l-attenzjoni meħtieġa.

Fit-23 ta' Settembru Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni għall-istudenti tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. Matul l-omelija Mons Isqof saħaq fuq l-importanza ta' l-istudju fil-ħajja tal-bniedem biex dan jimxi 'l quddiem, kif ukoll li l-istudent meta jistudja jkun iwettaq ir-rieda ta' Alla.

## *TIFKIRA TAT-TWAQQIF TAL-LEĠJUN TA' MARIJA U TAS-SERV T'ALLA FRANK DUFF.*

Nhar is-Sibt 21 ta' Settembru 2002, il-*Comitium* t'Għawdex fakkar il-81 anniversarju mit-twaqqif tal-Leġjun ta' Marija. Din it-tifkira saret waqt lejl ta' talb fil-knisja ta' San Franġisk ir-Rabat. Il-funzjoni bdiet fit-8.00p.m. b'konċelebrazzjoni mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Fl-omelija tiegħu Mons Isqof tkellem dwar il-proċess metikoluż tal-beatifikazzjoni ta' Frank Duff u l-importanza ta' l-apostolat tal-lajċi.



## *SEMINAR GĦALL-YOUTH MINISTERS*

Nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru 2002 il-Kummissjoni Żagħżagħ organizzat seminar ta' nofs ta' nhar għall-*Youth Ministers* tad-Djoċesi. Għas-seminar, li nżamm fil-Grand Hotel, Għajnsielem, kienu preżenti madwar sittin persuna, żgħażagħ u adulti mpenjati fil-pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Kien preżenti wkoll Mons Isqof li mexxa



konċelebrazzjoni ewkaristika. Fl-omelija hu stieden lil dawk preżenti għal aktar ħidma u servizz favur l-adolexxenti u ż-żgħażagħ fid-djoċesi tagħna.

### *SEMINAR QABEL IS-SENA KATEKETIKA*

Inżamm seminar fis-Sala ta' Santa Rita fil-Kunvent ta' Santu Wistin fir-Rabat, li ġie organizzat mill-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesu' tal-Fontana. Dan is-seminar sar fl-okkażjoni tal-introduzzjoni tas-Sena Kateketika li bdiet fil-bidu ta' Ottubru. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi għamel ukoll żjara lil dawk li ħadu sehem f'dan is-seminar.

### *FTUĦ TAL-WIRJA FL-OKKAŻJONI TA' GĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA MILL-ORDINAZZJONI TA' MONS. ISQOF*

Mons. Isqof, nhar l-24 ta' Settembru fil-11.00 a.m. inawgura l-wirja li ġiet imtellgħa f'ġieħu fil-Ministeru għal Għawdex. Qabel il-ftuħ Mons. Ġiovanni B. Gauci għamel kelmtejn tal-ftuħ li fiha għamilha ċara li l-wirja m'hijiex fuq il-persuna ta' Mons. Isqof imma fuq il-ħamsin sena ta' ħidma li saret fid-djoċesi. Preżenti għal din l-okkażjoni kien hemm Mr. Tonio Borg li kien jirrapreżenta l-Ministeru għal Għawdex, diversi saċerdoti u studenti tas-Seminarju Minuri flimkien mal-Kap ta' l-Iskola Rev. Emanuel Magro.

### *IL-FTUĦ TAS-SENA AKKADEMIKA FIS-SEMINARJU MAĠĠURI*

Nhar is-Sibt 28 ta' Settembru, Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Kappella tas-Seminarju Maġġuri flimkien mas-saċerdoti u l-professuri li jgħallmu fis-Seminarju. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof semma' l-ħtieġa ta' preparazzjoni adegwata għal dawk li qed iħejju ruħhom għas-saċerdozju. Semma' wkoll l-importanza tal-valur ta' l-ubbidjenza li tant huwa meħtieġ fost is-saċerdoti, b'mod partikulari dawk ta' għada.

### *IL-FESTA TA' SAN MIKIEL F'TA' PINU*

Għal din l-okkażjoni ġiet ikkonċelebrata quddiesa mmexxija minn Mons. Isqof li għaliha kienu preżenti b'mod speċjali ħafna irġiel tad-djoċesi ta' Għawdex. Mons. Isqof, fl-omelija fl-okkażjoni tal-25 Ħadd ta' Matul is-Sena, tkellem dwar il-parabbola tal-missier u ż-żewġ ulied. L-Isqof semma' kif il-bniedem jista' b'rieda tajba u fehma sinċiera jibdel fehmtu u joqgħod għar-rieda ta' Alla. Semma' kif mhux biżżejjed għan-nisrani li jkun mgħammed, imma jrid ukoll jgħix ħajja li taqbel mas-sagrament li jkun irċieva.

### *ID-29 TA' SETTEMBRU : JUM L-ANZJANI*

Nhar id-29 ta' Settembru, festa ta' San Mikiel Arkanġlu, Mons. Isqof mexxa quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjani, li l-Knisja tfakkar ta' kull sena bħala sinjal ta' rispett għal din il-kategorija tas-soċjeta`.

### *FTUĦ TAS-SENA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA*

Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, fetaħ is-Sena Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika b'quddiesa konċelebrata fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, Victoria. L-Isqof semma' kif irridu noqogħdu attenti mhux biss biex ma nagħmlux dak li hu ħażin, imma wkoll sabiex i t-tajjeb li jkollna nwettqu nagħmluh kif imiss. Mons. Isqof irrefera wkoll kif Madre Tereża kienet taqdi dmirha mhux għal xi skop ta' qligħ personali jew sodisfazzjon imma għall-imħabba ta' Alla.




Lelio Spiteri

## Kampanja "Innaddfu l-Baħar" fix-Xlendi



Nhar il-Ħamis 19 ta' Settembru fil-bajja tax-Xlendi ġiet organizzata l-kampanja annwali *Clean up the Seas*, bis-sehem ta' diversi Maltin u Għawdxin. F'din l-okkażjoni, il-Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura Dr. Francis Zammit Dimech ta tagħmir lill-Ministru għal Għawdex sabiex iservi bħala l-ewwel għajnuna f'każ li jkun hawn xi tinġiż fil-baħar u b'hekk jiġi salvagwardjat l-ambjent ta' madwarna. Il-preżentazzjoni saret lil Anthony A. Borg, assistent personali tal-Ministru Giovanna Debono, fl-assenza tagħha, minħabba li kienet barra minn Malta fuq impenji ministerjali.

## Jum l-Indipendenza f'Għawdex



Nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru fi Pjazza Indipendenza, Victoria saret iċ-ċerimonja ta' dan il-jum nazzjonali. Il-Banda tal-FAM u l-Gwardja ta' l-Unur immarċjaw minn Pjazza Savina għal Pjazza Indipendenza fejn preżenti kien hemm il-Prim Ministru Dr. Fenech Adami, l-ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti Anton Tabone u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Il-Prim Ministru spezjona gwardja ta' l-unur u wara poġġa bukkett fjuri mal-ħajt, taħt il-plakka kommemorattiva ta' l-Indipendenza. Iċ-ċerimonja spiċċat bid-daqq ta' l-Innu Malti. Aktar tard filgħaxija, sar kunċert sinfoniku mill-Orkestra Nazzjonali b'direzzjoni ta' Mro. Michael Laus fi Pjazza Santu Wistin, Victoria.

## "Simply Watercolours" - wirja artistika

Din l-esebizzjoni kienet uffiċċjalment miftuħa s-Sibt 5 ta' Ottubru mill-Ministru għal Għawdex. Din il-wirja, li ttellghet fis-sala tal-Wirjiet Pjazza San Franġisk, Victoria bejn l-5 u t-18 ta' Ottubru, kienet tikkonsisti f'xogħolijiet f'dan il-*medium* minn George Vella, tpinġijiet ta' diversi xeni tas-sbuħija tal-gżira ta' Għawdex. George Vella ħa sehem f'aktar minn 35 esebizzjoni lokalment. Ix-xogħolijiet tiegħu jinsabu kemm fil-gżejjer Maltin kif ukoll barra minn xtutna.



## *L-Ewwel Studenti fiċ-Ċentru tal-MCAST f'Għawdex*






Il-Ministru għal Għawdex indirizzat l-istudenti li bdew jattendu l-ewwel sena ta' korsijiet fiċ-ċentru ta' l-MCAST fix-Xagħra Għawdex nhar l-Erbgħa 9 t'Ottubru fil-lukanda Mġarr. Dan iċ-Ċentru qiegħed joffri pakkett ta' korsijiet, li qed jagħmel il-korsijiet vokazzjonali ta' dan il-kulleġġ aktar aċċessibli għaż-żgħażagħ u adulti Għawdxin. Għal din is-sena, qed jiġu offruti numru ta' korsijiet li erba' minnhom qatt ma kienu offruti qabel fil-gżira tagħna. Dawn huma *"MCAST Foundation Course"* fl-elettronika, kors ta' tekniku fid-*draughtsmanship*, diploma nazzjonali fl-istudji tal-kompjuter u ċertifikat fir-*retailing*. Godwin Grech minn Victoria hu l-maniġer ta' dan iċ-Ċentru.



## *Gwida bit-Taljan*

Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru Joe Muscat, Segretarju tal-*Gozo Tourism Association* ippreżenta kopja tal-verżjoni bit-Taljan tal-*Gozo Guide Book* lill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. L-ewwel pubblikazzjoni bl-Ingliż ta' din il-gwida mill-GTA kienet saret madwar sentejn ilu. Qed isir sforz biex ikun hawn ukoll verżjonijiet b'lingwi differenti, fosthom bil-Ġermaniż. Preżenti għal din il-preżentazzjoni kien hemm ukoll Frank Psaila, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex kif ukoll membri mill-assoċjazzjoni msemmija.

## *Referendum dwar il-proġett "Qala Creek" f'Ħondoq ir-Rummien*

Fir-raħal tal-Qala nhar il-Ġimgħa 13 ta' Settembru twaqqaf kumitat ta' azzjoni bl-iskop li jifli u jieħu dawk l-azzjonijiet li jidhirlu xierqa fir-rigward tal- proposta għall-proġett tal-"Qala Creek". Is-Sindku Paul Buttigieg qal lil " Il-Ħajja f'Għawdex" illi l-Kunsill għażel li jinvolvi l-għaqdiet tal-Qala fid-deċiżjonijiet li kien se jieħu biex isib il-mezz l-iktar effiċjenti biex isir jaf b'mod konkret u trasparenti l-opinjoni tal-poplu tal-Qala dwar dan il-proġett. "Għamilna enfasi fuq id-demokrazija fl-għażla li jagħmel il-poplu u fuq it-trasparenza tal-mod kif se tingħabar l-opinjoni tar-raħal." Għalhekk ser isir *referendum* il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd 15, 16 u 17 ta' Novembru rigward din il-kwistjoni, fl-iskola primarja tal-Qala, fost ir-residenti Qalin biss.

# TIBDIL FID-DIREZZJONI TAR-RIVISTA TAGĦNA

## RADD IL-ĦAJR



*Il-Bord Editorjali ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" jixtieq irodd ħajr lil* ***Dun Anton Dimech*** *li għal dawn l-aħħar 32 sena kien editur tar-rivista. Dun Anton Dimech ġie ordnat saċerdot fil-5 t'April 1964 mill-Isqof Ġużeppi Pace. Kien lecturer tas-soċjoloġija għal ħafna snin fis-Seminarju Maġġuri u għalliem tal-Malti fis-Seminarju Minuri. Inħatar editur tar-rivista djoċesana mill-Isqof Cauchi f'Jannar tal-1970. Tul iż-żmien li serva bħala editur tar-rivista, sar titjib u tibdil kbir kemm f'dak li hu kontenut kif ukoll fil-grafika. Tletin sena ilu, ir-rivista kienet tiġi komposta fuq iċ-ċomb f'dik li kienet l-istamperija tal-Istitut ta' San Ġużepp, l-"Orphans Press". Dun Anton għamel mir-rivista djoċesana sors ta' komunikazzjoni ċara u oġġettiva f'dak kollu li jolqot lill- Knisja kemm lokali kif ukoll universali, kif ukoll dak kollu li jolqot lill-gżira tagħna t'Għawdex.*

*Meta wieħed jifli l-ħarġiet l-imgħoddija, speċjalment f'dawn l-aħħar tletin sena, jiltaqa' ma' ħafna materjal interessanti li jixhed għat-tibdil li seħħ fid-djoċesi kif ukoll fil-gżira tagħna t'Għawdex. Ħafna mill-materjal li ppublikat f'dawn is-snin li għaddew, illum għandu ukoll valur storiku. F'din il-ħidma Dun Anton sab il-kooperazzjoni ta' diversi kittieba, kif ukoll l-għajnuna ta' diversi seminaristi li fl-imgħoddi kienu jagħtu kontribut kbir fil-kompożizzjoni u l-ġbir tal-materjal u r-riżorsi finanzjari tar-rivista. Jekk illum għandna rivista preżentabbli, kemm f'dak li hu kontenut kif ukoll f'dik li hi grafika, dan huwa kollu mertu tas-sagrifiċċji kbar u d-dedikazzjoni ta' dawk kollha li f'dawn is-snin li għaddew taw il-kontribut tagħhom. Għalhekk minn qalbna nroddu ħajr lil Dun Anton Dimech u l-kollaboraturi kollha tiegħu tul dawn l-aħħar 32 sena, u nawgurawlhom kull saħħa u ġid għall-futur tagħhom.*



## MERĦBA!

*Nifirħu u nilqgħu fostna lill-editur il-ġdid* ***Dun Ruben Micallef*** *u l-assistent editur* ***Dun Michael Said.***

***Dun Ruben Micallef*** *minn ta' Kerċem Għawdex, twieled nhar il-21 ta' Mejju tal-1975, ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Cauchi nhar it-23 ta' Ġunju 2000 u fis-sentejn li għaddew kien fuq studju fil-kamp tal-liturġija fl-Università ta' Sant'Anselmu f'Ruma. Fl-istess żmien kien ukoll kollaboratur pastorali fil-parroċċa tan-Natività ġewwa Ruma. Attwalment huwa ukoll vigarju parrokkjali fil-parroċċa tal-Kattidral.*



***Dun Michael Said*** *min-Nadur twieled nhar it-8 ta' Jannar 1973 u ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Cauchi nhar is-27 ta' Ġunju 1998. Wara l-ordinazzjoni għamel l-istudji tiegħu fix-xjenza tal-edukazzjoni u fil-katekeżi taż-żgħażagħ fl-Università Salesjana f'Ruma, u kien ukoll fl-istess żmien, vigarju parrokkjali fil-parroċċa ta' San Ugo f'Ruma. Attwalment huwa għalliem fis-Seminarju Minuri u jagħti l-kontribut tiegħu pastorali kemm fil-parroċċa tan-Nadur kif ukoll fl-Oratorju Don Bosco, Victoria.*

Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 109

Riċerka ta' Joseph Bezzina

©2002

## ILMA GĦALL-PALAZZ TAL-GVERNATUR

Id-dokument numru mija u disgħa li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas li sar għat-trasport ta' ilma għal ġiebja fil-palazz tal-Gvernatur matul Ottubru 1702, tliet mit sena ilu. Il-ħlas jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1702–1703), folju 39r (NAG, UG, *Acta*, 9/1702–1703, f. 39r).

Din li ġejja hi t-traskrizzjoni ta' dan il-ħlas:

**Per ottanta tre viaggi d'acqua che han portato diversi bordunari dalla Fontana Grande nella cisterna della casa Governatoriale scudi tre, tarì cinque, e grani dieci, lì 18 ottobre 1702.**

Dan id-dokument jagħtina ħjiel li tliet sena ilu Malta u Għawdex kienu għaddejjin minn żmien ta' nixfa l-istess bħalma għaddew minnhom il-gżejjer fix-xitwa 2001/2002.

Il-Ċittadella hi mqaċċata wisq fil-għoli biex tagħmilha possibli li jkun hemm vini ta' l-ilma li jimlew il-bjar direttament mill-fessuri fil-blat ta' taħt. Il-mili tal-bjar u l-ġwiebi fiċ-Ċittadella kien jiddependu għal kollox mix-xita. Jekk tkun sena milwiema, il-bjar kienu jservu wkoll sas-sajf, jekk tkun sena xotta, mas-sajf kien jinxef kollox qoxqox. Kienet tinħoloq problema kbira.

Wara s-sajf 1702, anki l-ġibja fil-palazz tal-Gvernatur nixfet għal kollox. Jidher li kienet verament sena xotta. Dak iż-żmien il-Gvernatur ta' Għawdex kien Fra Aloysio Dautesar li dam imexxi sa nofs is-sena 1702. Jiġifieri, għal xi żmien, il-palazz kien vojt u l-ġibja xorta waħda nixfet.

Iktar tard dik is-sena l-Granmastru ħatar bħala Gvernatur lill-Kavallier Carlo Felice la Zappeda. Kien aktarx f'din l-okkażjoni li l-Universitas iddeċidiet li timlielu l-ġiebja tal-palazz b'ilma li nġarr apposta mill-Għajn il-Kbira.

Il-ġiebja fil-palazz tal-Gvernatur jidher li kienet kbira mhux ħażin. Diversi burdnara b'ġarar fuq il-karettuni miġbuda mill-ħmir jew mill-bgħula għamlu tlieta u tmenin vjaġġ mill-Għajn il-Kbira saċ-Ċittadella. L-ispiża telgħet b'kollox tliet skuti, ħamest irbigħi, u għaxar ħabbiet. Dan ifisser li kull burdnar għal kull vjaġġ li għamel ħa preċiżament għaxar ħabbiet. Jiġu kemm kemm iktar minn tliet elf millezmi.

In-nies kienet bieżla ħafna u kienu jagħmlu kollox biex jaqilgħu xi ħaġa fuq ir-riħ. Riedu jinżlu bil-ħmar jew bil-bagħal sal-Għajn il-Kbira; jimlew il-ġarar bl-ilma; iqandluhom minn ġol-għajn għal fuq il-karettuni; jitilgħu bihom it-telgħa wieqfa saċ-Ċittadella; u jqandluhom mill-ġdid minn fuq il-karettun għall-ġiebja tal-palazz li kien fil-wesgħa ta' quddiem il-Knisja Matriċi. Kollox għal għaxar ħabbiet; jiġifieri tliet millezmi ta' lira Maltija jew mat-tmien millezmi ta' Ewro.


Per ottanta tre viaggi d'acqua che han portato diversi bordunari dalla fontana grande nella cisterna della casa Govto scudi tre tarì cinque e grani dieci. 18: 8bre 1702




## *Trasport ta' emerġenza*

Qabel xejn nixtieq għan-nom ta' l-għawdxin ħuti nifraħ lill-Assoċjazzjoni Għawdxija tat-Turiżmu u l-*Gozo Channel* talli, b'kooperazzjoni bejniethom, ġie introdott is-servizz ta' ġarr ta' passiġġieri bil-lejl matul ix-xitwa. Dan is-servizz ġdid hu maħsub għal dawk it-turisti u oħrajn li jaslu Malta tard bil-lejl u li jkunu jridu jmorru Għawdex, jew li jkunu ser iħallu Għawdex kmieni filgħodu qabel ma jibda s-servizz normali tal-vapur. Grazzi mill-ġdid. Madanakollu, servizz ieħor importanti ta' emerġenza s'issa għadu ma ssemma xejn. Dan hu s-servizz bil-*helicopter* għal u mill-isptar il-ġdid '*Mater Dei*'. Ġiet ippubblikata lista ta' ħafna u ħafna servizzi u faċilitajiet li ser jinkludi dan l-isptar. Biżżejjed insemmu li se jkun fiħ 54 dipartiment, 1.4 kilometri ta' kuriduri, 47 lift, 24 teatru operatorju, kappella, ħwienet, ristoranti etc. etc.

Nisperaw li f'dan l-isptar il-ġdid ikun hemm ukoll heliport żgħir jew għall-inqas *landing pad* biex ikun hemm servizz ta' *helicopter* bejn l-isptar ta' Għawdex u l-isptar '*Mater Dei*'. Nisperaw li f'lista oħra li tiġi ppubblikata, dan is-servizz ikun inkluż.

## *Il-Gwidi tat-Turisti*

L-aħbar li għalliem ta' l-iskola ġie immultat Lm500 għax waqt ħarġa kulturali mal-istudenti tiegħu spjega xi fatti ta' l-istorja ta' Malta, għamlet eku kbir fil-media kollha ta' Malta. Naturalment, la l-Qorti ikkundannat lill-għalliem, kien hemm ksur tal-liġi, liema liġi ħarġet mill-opinjoni pubblika, hi tabilħaqq assurda!

Pero`, l-Awtorita` tat-Turiżmu għandha wisq aktar x'tara f'dak li għandu x'jaqsam mall-gwidi tat-turisti. Fil-gazzetta '*Il-Ġens*' ta' ftit snin ilu konna qrajna dan li ġej : "Xi gwidi tat-turisti qed jaqilgħu ma' l-Lm1000 fix-xahar mill-kummissjonijiet fuq bejgħ ta' oġġetti... ħafna gwidi jieħdu turisti biss f'dawk il-ħwienet li jagħtuhom *commission*... Xi *commissions* jkunu bejn 20% u l-25% fuq il-prezz ta' l-oġġett mibjugħ..." Naturalment din iż-żieda tkun riflessa fil-prezz li jintalab lit-turist. Din il-ħaġa tgħin biex ikollna aktar turiżmu lejn Malta?
Il-gwidi tat-turisti mhux qed imutu bil-ġuħ. "Barra mill-paga ta' xi Lm15 kull jum min għand l-aġenti, huma jerġgħu jaqilgħu mit-*tips* li ġie li jlaħħqu Lm 10 jew iżjed. U dawn trid tqis li ħafna minnhom huma *part timers*, jiġifieri għandhom xi impjieg ieħor", hekk komplejna naqraw fi '*Il-Ġens*'. Dan għandha tara wkoll l-Awtorita` tat-Turiżmu, mhux biss jekk xi *teacher* daħalx fl-għalqa tal-gwidi!

## *Kemm ser idumu jwebbsu rashom?*

Ma jistgħux jifmhu xi kaċċaturi ta' Malta u Għawdex kemm ħsara qed jagħmlu lit-turiżmu minħabba l-isport qattiel tagħhom! Kważi kuljum wieħed għandu jsib xi korrispondenza, miktuba minn turisti u viżitaturi li jkunu fil-gżejjer tagħna, jilmentaw bid-dwejjaq f'qalbhom kontra l-qtil indiskriminat ta' tajr u għasafar minn ħafna kaċċaturi Maltin. F'dawn l-ittri dejjem iwissuna li b'din il-kaċċa Malta qed titlef it-turisti.

Il-propaganda ħażina kontra Malta minħabba eċċessi ta' xi kaċċaturi qed tidher mhux biss fil-*magazines* u ġurnali ta' barra, imma saħansitra anke fuq l-*internet*! Biżżejjed wieħed jittajpja *Malta hunting* fuq *http://www.google.co uk* u jara paġni sħaħ ta' propaganda ħażina fir-rigward tat-turiżmu Malti.

## *Meta jsir stħarriġ ta' Opinjoni Pubblika*

Tabilħaqq li l-Maltin u l-Għawdxin huma poplu wieħed, ġens wieħed, u meta niġu biex nimlew xi formuli bil-'ġeneralita'' personali, kulħadd jikteb il-kelma MALTI. Imma hija ħaġa ċerta, li aħna l-għawdxin, minħabba ċerti sitwazzjonijiet partikulari li fihom aħna ngħixu, sitwazzjonijiet differenti minn dawk f'Malta, hija ħaġa mill-aktar possibbli li jkun hemm differenza fl-opinjonijiet u l-valuri bejn il-popolazzjoni taż-żewġ gżejjer.

Nieħdu per eżempju ċerti differenzi: f'Għawdex hawn persentaġġ akbar ta' anzjani milli hemm f'Malta; għandna inqas kuntatti ma' barranin, inqas diversita` f'dak li hu xogħol, iktar reliġjożita` popolari, m'għandniex Paceville, etc. Għaldaqstant tkun ħaġa aktar sewwa u eżatta u naturalment aktar interessanti li meta jsiru *surveys* ta' l-opinjoni pubblika, ir-riżultat ma joħroġx bħala figura globali għaż-żewġ gżejjer flimkien, imma Għawdex ikollu l-figuri tiegħu separati. Hekk mhux biss inkunu nistgħu naraw id-differenza imma wkoll għaliex hemm id-differenza!

## Iċ-Ċentru Għawdxi ta' l-Università għalaq 10 snin.

Din is-sena iċ-Ċentru Għawdxi ta' l-Universita' ifakkar l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tiegħu. Fl-aħħar ġimgħa ta' Awissu kien organizzat kunċert ta' mużika klassika bħala kommemorazzjoni. Qabel l-E.T. l-Isqof Nikol Cauchi iċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr. L-Għawdxin għandhom ikunu wisq obbligati għal dawk li tħabtu biex dan



iċ-ċentru minn ħolma jsir realta`. Għedt 'ħolma'. għax l-ideja li l-Għawdxin ikollna universita` għat-tagħlim terzjarju kienet ilha li nibtet f'Għawdex. Niftakar li daqs 40 sena ilu, żewġ personaġġi illustri Għawdxin; Dr Anton Tabone, li jiġi missier l-Onor. Anton Tabone, l-ispeaker preżenti tal-Parlament, kif ukoll il-Prof. Ġuże` Aquilina, li kien viċi rettur ta' l-Universita` fis-snin sittin kienu tħabtu ħafna biex din il-fergħa ta' l-Universita` tinfetaħ. Kienu jitkellmu ħafna fuq *"University of the Air"*. Dan il-ħsieb tagħhom siewi ma rnexxiex. Kellu jkun l-Onor. Anton Tabone, Ministru għal Għawdex ta' dak iż-żmien biex, kif għedna, il-ħolma ssir realta`. S'issa saru bosta u bosta korsijiet ta' tagħlim terzjarju u diġa ggradwaw numru mhux ħażin ta' studenti. Nixtieq insemmi wkoll lil Prof. Briguglio li jieħu ħsieb dan iċ-Ċentru u mitfugħ b'ruħu u ġismu biex dan iċ-ċentru jkompli jiżviluppa. Nisperaw li fil-futur qarib, f'dan iċ-ċentru jiġi nstallat l-apparat li qed jissemma, l-apparat li jintuża għat-*teleconferencing*

## Ritmu ġdid fl-Edukazzjoni f'Għawdex

Nistgħu ngħidu bla ma niżbaljaw, li din is-sena skolastika ser tkun 'tappa' oħra ta' avanz fl-edukazzjoni fil-gżira tagħna. Qabel kollox insemmu l-introduzzjoni tal-MCAST f'Għawdex. F'din l-istituzzjoni l-ġdida ser ikun hemm tmien korsijiet magħżulin apposta li l-aktar jibbenefikaw lill-istudenti Għawdxin.

Din is-sena, il-biċċa l-kbira tal-500 studenti għawdxin li reġgħu bdew l-iskola f'Settembru u Ottubru li għadda, sabu ambjent ġdid jilqagħhom. Numru mhux ħażin ta' skejjel ġew ristrutturati matul is-sajf li għadda. Saru xogħlijiet permezz ta' *tenders* fil-kumpless "Ninu Cremona", fl-iskejjel ta' Għ'sielem u f'Ta' Kerċem, kif ukoll fil-bini fejn issa hemm l-MCAST fix-Xagħra. Haddiema tal-*Maintenance Unit* ta' l-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni għamlu xogħol fil-kumpless "Agius de Soldanis" u f'Ta' Sannat. Haddiema tas-CMU għamlu xogħol fl-iskola tan-Nadur u tal-Victoria. Sar ukoll xogħol infrastrutturali fl-iskejjel tax-Xewkija, tal-Qala u ta' l-Għarb. L-iskola ta' l-arti f'Għ'sielem, kif ukoll ta' San Lawrenz kellhom *'face lift'* meħtieġ. Biex saru dawn ix-xogħlijiet kollha l-Gvern nefaq is-somma ta' madwar Lm800,000.

Nispiċċa billi nsemmi li xi skejjel sekondarji f'Għawdex (fosthom is-Seminarju ta' l-Isqof), din is-sena qed jibbenefikaw minn għalliema barranin tal-lingwi, proġetti iffinanzjati mill-programm *Comenius*.

## Ritratt... b'mistoqsija!



**Meta ser titranġa din il-"*blind corner*" tant perikoluża li hemm fi Triq il-Kunċizzjoni fil-Qala? Ilha tistenna żmien żemżem..!**







L-INTERVISTA

# L-ORATORJU DON BOSCO

## Ċentru b'missjoni unika għaż-Żgħażagħ Għawdxin

*Dun Eddie Zammit jintervista lid-Direttur Dun Louis Bezzina.*

***Meta beda l-Oratorju u f'liema kuntest soċjali beda? U min kienu l-promoturi ta' dan il-proġett?***

Fl-ewwel kwart tas-seklu għoxrin, it-tfal u ż-żgħażagħ t'Għawdex kienu jiġġerrew ħafjin fit-toroq, bla rażan u bla edukazzjoni, la soċjali u lanqas reliġjuża. Fl-istess żmien kien jgħix Dun Pawl Micallef, qassis Rabti, li kien ġa wera mħabba kbira lejn Don Bosco u kien dejjem jgħid x'barka kien ikollu Għawdex jekk is-sistema ta' edukazzjoni tiegħu tidħol f'artna. Ħafna kienu l-ġenituri li kienu jitolbuh isib post fejn jiġbor lit-tfal u liż-żgħażagħ u din kienet ix-xewqa tiegħu ukoll.

F'Novembru ta' l-1933, l-Arċipriet ta' San Ġorġ, Mons. Alfons Maria Hili ried isaħħaħ it-tagħlim tad-duttrina u ħalla kollox f'idejn Dun Ġużepp Spiteri, qassis min-Naxxar, li kien ilu snin jaħdem f'Għawdex. U dan irnexxielu jorganizzaha tajjeb. Imma billi ħassu qed jgħejja talab lil Dun Pawl Micallef biex igħinu. Dan mill-ewwel qal 'iva' bil-ferħ. U bil-ħidma tiegħu flimkien ma' Dun Ġużepp Spiteri, l-għadd tat-tfal u ż-żgħażagħ kiber mhux ħażin. U minħabba l-ispejjeż Dun Ġużepp talab lil Mons. Mikiel Gonzi, dakinhar isqof t'Għawdex, biex jagħmel ġabra fil-ġimgħa mill-Knisja ta' San Ġorġ. U hekk baqa' jsir b'mod regulari.

L-1 t'April 1934 ra l-ftuħ ta' l-ewwel Oratorju Don Bosco fi Triq Karità, u għalkemm ma ġewx fih s-Salesjani, l-ispirtu ta' Don Bosco kien hemmhekk, għaliex Dun Alwiġ Mizzi, Salesjan mill-Għarb, kien jikteb ittri twal lil Dun Pawl Micallef fejn kien igħidlu kif għandu jmexxi fuq is-sistema ta' Don Bosco. Tant ħa fama dan l-Oratorju li Don Salvatore Scaravaglieri, id-Direttur ta' l-Oratorju Salesjan f' Tas-Sliema, ġie Għawdex u ħeġġeġ ħafna lil Dun Pawl biex ikompli fuq din il-linja. U l-ġenituri li kellhom it-tfal tagħhom jiffrekwentaw l-Oratorju għarfu l-ħtieġa tal-ħidma ta' Dun Pawl.

Kiber l-għadd tat-tfal u ż-żgħażagħ u kibret il-ħtieġa ta' dar akbar li nstabet fi Triq Mons Giuseppe Farrugia. Hemmhekk saret kappella, żewġ kmamar infetħu f'sala teatrali, bdew juru l-films *(silent)* u permezz ta' l-Għaqda Drammatika Don Bosco, li għadha



ħajja sal-lum, bdew jittellgħu drammi għad-divertiment tat-tfal u ż-żgħażagħ u tal-pubbliku in ġenerali. L-Oratorju Don Bosco qajjem furur f'kuntest soċjali nieqes minn kull attività kulturali.

Dun Pawl Micallef, biex iżid id-devozzjoni lejn Don Bosco, ħallas statwa ta' Don Bosco minn butu u ħadimha għand l-istatwarju magħruf Għawdxi, Wistin Camilleri, l-istess statwa li għadha toħroġ proċessjonalment mill-Oratorju Don Bosco fi żmienna.

Fl-20 ta' Lulju 1936 Dun Alwiġ Mizzi ġie Għawdex u għamel taħdita bil-wiri ta' '*slides*' fuq il-ħidma Salesjana fid-dinja, u tefa l-lixka biex f'Għawdex jiġu s-Salesjani. Tkellem fit-tul ma' Dun Pawl Micallef biex il-ħolma tagħhom it-tnejn ta' 20 sena qabel, meta kienu għadhom fis-seminarju, isseħħ.

F'Mejju ta' l-1940 Dun Pawl kellu jsib dar oħra għax id-dar li kien qed juża bħala Oratorju nbiegħet mis-sid, imma d-dar li sab f'Misraħ Santu Wistin kienet iżgħar, u titlob l-ispejjeż biex tirranġaha għax kienet dar antika. Għalhekk aktar tħeġġeġ biex jibda jaħseb għal binja kbira biżżejjed biex tilqa' ħafna tfal u żgħażagħ, u jkun jista' jġib is-Salesjani fiha. Tħabat, ġabar flus, għamel lotteriji, sakemm dehrlu li kellu flus biżżejjed biex jibda. U billi dejjem kien jara quddiemu l-ispazju taċ-Ċimiterju Medjevali ħolom li jibnih hemmhekk dan l-Oratorju.

Meta fl-1944 laħaq isqof t'Għawdex Mons Ġużeppi Pace, Dun Pawl Micallef ħa r-ruħ, għax kien jaf kemm kellu għal qalbu l-ħidma mat-tfal u ż-żgħażagħ li kienet qegħda ssir, u wara ħafna taħbit u diskussjonijiet, f'Mejju ta' l-1946 l-isqof Pace qallhom il-famuża espressjoni *"Morru u ibdew"*.

L-ewwel ġebla tqiegħdet fit-12 ta' Diċembru, 1946 u tbierket mill-Isqof Ġużeppi Pace u fit-8 ta' Ottubru, 1949 l-istess isqof fetaħ uffiċċjalment l-Oratorju.

### *X'kienu l-għanijiet li riedu jintlaħqu b'dan il-proġett?*

Għalkemm nistgħu ngħidu li l-għanijiet kienu ħafna, imma għan prinċipali kien li jiġbru lit-tfal u liż-żgħażagħ u prinċipalment tingħatalhom edukazzjoni reliġjuża. Imma billi Dun Pawl Micallef u miegħu Dun Alwiġ Mizzi, Salesjan, kienu mdawlin mis-sistema preventiv ta' Don Bosco, dan l-għan ta' edukazzjoni u formazzjoni reliġjuża kien jinkorpora miegħu l-formazzjoni kulturali u sportiva tat-tfal u ż-żgħażagħ. Ir-raġuni hija sempliċi: it-tfal u ż-żgħażagħ għandhom enerġija x'jaħlu u jekk ma tikkanalizzalhomx din l-enerġija, imorru jaħluha f'dak li hu ħażin jew żbaljat. Hekk, biex tingħatalhom formazzjoni reliġjuża u dejjem taħt għajnejk, trid torganizzalhom attivitajiet kontinwi biex iżżommhom 'il bogħod mill-għażż u waqt li qed jiddevertu u jiffurmaw ruħhom kulturalment, huma jkunu wkoll qegħdin jiffurmaw ruħhom kristjanament.

### *X'ħidma wettaq l-Oratorju fil-formazzjoni taż-żgħażagħ Għawdxin?*

Prinċipalment il-formazzjoni li wettaq l-Oratorju kienet formazzjoni nisranija. It-tagħlim regulari tad-duttrina, it-talb fil-kappella u ċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi li kienu jsiru f'dan l-Oratorju għenew biex jiffurmaw karattru nisrani f'dawk kollha li kellhom ix-xorti jiltaqgħu ma' Dun Pawl, mas-Salesjani, u mas-sistema preventiv ta' Don Bosco.

F'dan l-Oratorju kien hawn u għad hawn ħidma sportiva, u fl-imgħoddi t-tim tal-futbol kien tim fenomenali li għal ħafna snin kien dejjem rebaħ hu. Kienu żgħażagħ dixxiplinati u kienu jilagħbu b'dedikazzjoni sħiħa. Id-dixxiplina sportiva f'dawn iż-żgħażagħ ħalliet ir-riżultat tagħha f'missirijiet serji li rabbew familji serji.











Fi ħdan l-Oratorju tnisslet u kibret l-Għaqda Drammatika Don Bosco li tat wirjiet kbar li għoġbu u għallmu lill-Għawdxin kollha, għax għal kull dramm li kien isir kien jiġi Għawdex, u nafu li għad-drammi tal-Passjoni kienu jiġu mqar minn Malta. L-Oratorju kien benniena ta' kultura u lil dawk it-tfal u żgħażagħ li telgħu fuq il-palk tiegħu rabbielhom fiduċja fihom infushom. Ilkoll nafu llum li t-tagħlim u l-prattika tad-drama toħroġ mill-individwu kwalitajiet sbieħ li jibqgħu miegħu għomru kollu.

Qabel xejn semmejna t-tagħlim tad-duttrina, u dan it-tagħlim ma kienx isir biss mill-qassisin tar-Rabat, imma wkoll minn żgħażagħ li mhux biss kienu kapaċi jgħallmu, imma kienu kapaċi jżommu d-dixxiplina u fuq kollox jagħtu eżempju tajjeb. Dan nistà ngħidu b'ferħ, għax jiena ħadt l-edukazzjoni reliġjuża tiegħi fl-Oratorju DonBosco u l-katekisti li għallmuni kollha kienu żgħażagħ ta' l-Oratorju, li llum huma rġiel, kapijiet ta' familji nsara u eżemplari. Iltqajt ma' wħud minnhom meta sifirt kemm l-Awstralja u kemm l-Amerika u tistagħġeb kemm il-kappillani jiftaħru bihom għax huma kattolċi li baqgħu jaħdmu fil-Knisja u huma ta' eżempju għal ħaddieħor.





Hemm aktar x'tgħid imma biżżejjed ngħidu li l-formazzjoni li t-tfal u ż-żgħażagħ ħadu mill-Oratorju għamlithom ċittadini onesti u nsara ta' kalibru.

## *X'kien is-sehem li ta l-Oratorju fil-qasam kulturali Għawdxi?*

Bħalma ġa rreferejtlek il-palk kien wisq għażiż kemm għal Don Bosco, kemm għal Dun Pawl u kemm għas-Salesjani. U fuq il-palk ta' l-Oratorju Don Bosco telgħu drammi kbar. Barra minn hekk kien fuq il-palk ta' l-Oratorju li bdew jiġu preżentati drammi *stil modern* għal dak iż-żmien fejn inqatgħet il-melodrama u s-sentimenti esaġerati u tintwera l-ħajja kif tassew hi. Kienu jsiru drammi reliġjużi kbar, oħrajn storiċi, u oħrajn b'tagħlim soċjali. Niftakar id-'*Drama Forums*' għaż-żgħażagħ Għawdxin kollha, fejn is-sala u l-gallerija kienu jkunu mimlijin daqs bajda u ż-żgħażagħ jesprimu ruħhom liberament. U ma naqsux ukoll operetti li ferrħu lil kull min ġie jarahom.

Ħafna 'Song Festivals' ġew organizzati f'dan l-Oratorju u bosta mit-talenti mużikali li għandna llum, ismijiet renomati, jafu l-bidu tagħhom fil-famuża SSS – Serata Soċjali Salesjana, u li wara li telqu s-Salesjani bdiet tissejjaħ: *Sabato Sera Show*. Hawn ħafna nies li jafu l-iżvilupp kulturali tagħhom lill-Oratorju. *Jalla jibqgħu rikonoxxenti!*

Sehem ħaj fil-kultura Għawdxija kien ukoll il-fatt li l-Oratorju kkontribwixxa ħafna għall-Karnival, b'makjetti, ċajt, u xeni li kienu jdaħħku lin-nies kollha li kienu jinġabru fit-Tokk, illum Pjazza Indipendenza. Dan beda fl-1966 meta l-Oratorju kien qiegħed taħt it-tmexxija tad-Djoċesi għax is-Salesjani kienu telqu minn Għawdex.

Kien fl-Oratorju li sar l-ewwel '*musical*' bl-isem ta' 'Ġwanninu', u l-ewwel '*Rock Opera*' Pawlu 2000, u għandi l-unur ngħid li sal-lum l-Oratorju qed ikun pijunier f'ħafna attivitajiet kulturali oħra, għax fejn ma norganizzawx aħna, nifthu l-bibien beraħ għal min irid jorganizza. U għall-ġejjieni hemm maħsub li għall-ewwel darba f'Għawdex jitilgħu '*musicals*' '*live*' mhux '*playback*'. Ngħidu wkoll li kien l-ewwel darba, is-sena li għaddiet, li fuq il-palk ta' l-Oratorju ttellgħu żewġ '*shows*' ta' żfin kontemporanju minn tfal u minn żgħażagħ.

F'dan l-Oratorju wkoll ħa spinta 'l quddiem il-wiri tal-*films*, u billi l-Oratorju hu post reliġjuż, il-*films* li ntwerew kienu u għadhom *films* tajbin f'kull sens tal-kelma. Dawn il-films fetħu għall-Għawdxin orizzonti ġodda, dinjiet ġodda, realtajiet ġodda, u b'hekk il-poplu Għawdxi ma baqax b'mentalità insulari.

Min mexxa l-Oratorju Don Bosco fis-snin l-imgħoddija u min qed imexxi llum dejjem għandna f'moħħna li l-Oratorju jkun il-benniena mhux biss tar-reliġjon imma wkoll tal-kultura, għax il-kultura lill-bniedem tgħollih 'il fuq u tiftaħlu moħħu, qalbu u ruħu għas-sbuħija, għat-tjubija, u naturalment għall-aċċettazzjoni t'Alla f'ħajtu, għax il-bniedem ta' kultura hu bniedem li ma jistax jiċħad lill-Awtur tas-sbuħija.

## *X'ħidma qed titwettaq illum?*

Qabel xejn nixtieq nagħmel stqarrija li forsi ma tantx tintogħġob minn kulħadd, u nixtieq ngħid ukoll li b'li ħa ngħid ma nixtieq nitfa' dell iswed fuq ħadd.

Meta qassis jinħatar Direttur fl-Oratorju Don Bosco, irid jibni fuq dawk li għamlu ta' qablu, naturalment ikompli fejn ħallew u kultant ibiddel ir-rotta, għaliex kulħadd għandu l-istil tiegħu. Kien hemm żmien, mhux




fil-bogħod wisq, meta t-tfal u ż-żgħażagħ Għawdxin, anzi nista' ngħid is-soċjetà Għawdxija nsiet lil Alla u ħolqot l-alla msemmi **divertiment** u **xalar**. Kien diffiċli għal min kien Direttur fl-Oratorju li jwettaq dak li kien jixtieq iwettaq. U għalhekk, għal xi żmien ħafna ħidma fl-Oratorju jew kienet mejta jew moribonda. Min kien ikun Direttur kien ikollu jikkompeti ma' Każini tal-Baned u tal-Politika, Klabbijiet tal-futbol, skejjel ta' fl-għaxija għat-tfal, bħalma huma l-iskola tal-mużika, tad-drama u ta' l-arti żdied l-għadd ta' żgħażagħ li marru u għadhom imorru l-Università, u kultant bħala Direttur taħsel taqta' qalbek mnejn ħa tibda.

Jien dħalt f'ambjent bħal dan. Imma nizżiħajr lil Alla li bl-għajnuna ta' rġiel miżżewġa u rġiel adulti li kien hemm fl-Oratorju, bil-mod il-mod bdejna nagħtuh il-ħajja. Illum nistgħu ngħidu li l-Oratojru, għall-grazzja t'Alla, għadu ħaj u qegħdin nagħmlu ħilitna biex dak li kien tajjeb inżommuh.

Bi pjaċir ngħid illi fil-kappella l-ħidma reliġjuża miexja 'l quddiem; il-funzjonijiet isiru kollha u għall-quddies tal-Ħdud u l-Festi, għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied u ta' l-Għid u għall-Festi ta' Don Bosco u ta' Marija Awżiljatriċi l-attendenza hija tajba ħafna, u min jiġi hu mgħejjun biex jieħu sehem, bl-istampar ta' bullettin regulari li llum jinsab fir-raba' sena tiegħu.

It-tim tal-futbol tagħna l-*Oratory Youths* għadu tim tajjeb u bosta timijiet Għawdxin għandhom plejers magħhom li tħarrġu ma' l-*Oratory Youths*. Is-sena l-oħra, għall-ewwel darba fi tmien snin konna fl-ewwel diviżjoni.

L-istess tim ta' l-*Oratory Youths* għandu wkoll in-*Nursery* li ilha teżisti mill-1988 u kellha bosta nżul u tlajja, imma għal dawn l-aħħar tliet snin ġiet organizzata aħjar u llum tħaddan aktar minn 70 tifel mir-Rabat u wkoll minn partijiet oħra ta' Għawdex. Lil dawn it-tfal minbarra t-taħriġ fid-dixxiplina tal-futbol, tingħatalhom formazzjoni spiritwali għaliex dejjem għandhom mument ta' talb u tagħlim fil-kappella. Nixtieq hawnhekk nemfazizza kemm hi importanti n-*Nursery* għall-Oratorju. Jekk l-Oratorju mhux ħa jkollu f'idejh il-formazzjoni ta' tfal għall-ġejjieni, l-Oratorju jista' jagħlaq. U nitlob lil dawk li għandhom f'idejhom il-kura ta' l-erwieħ fir-Rabat biex jifirħu li qed niġbru t-tfal u mhux jgħidulna biex nieqfu jew inqassrulhom il-ħin li jkunu magħna. Meta qed tifforma t-tfal f'dixxiplina sportiva u f'formazzjoni reliġjuża, inti qed tifforma kolonni għall-ġid tal-parroċċa.

Il-palk huwa ħaj daqs qatt qabel. Għalkemm mhux kollox jittella' mill-Oratorjani, imma l-Oratorju qed ikun '*venue*' ta' arti drammatika, ta' '*musicals*' u operetti li jqajmu l-kultura ta' pajjiżna u jiġbdu aktar żgħażagħ lejn dan il-post, żgħażagħ li għandhom mnejn għada pitgħada jibdew jiffrekwentaw dan il-post biex jibdew jieħdu l-formazzjoni tagħhom. Fil-fatt, issir laqgħa fil-ġimgħa għaż-żgħażagħ u l-ewwel grupp li beda jiltaqa' proprju beda minn żgħażagħ li ħadu sehem fi '*musical*' mhux imtella' minna. Veru li għad baqa' xi jsir, u mhux ftit, imma nemmen li bl-għajnuna ta' Don Bosco u ta' Marija, Omm u Għajnuna ta' l-Insara, meta tkun ir-rieda t'Alla, dawn il-laqgħat jissaħħu u l-ġid jibda joħroġ.

U ma nixtieqx ma nsemmix iċ-Ċinefamilja, fejn għadna nuru films li jgħoddu għall-familja kollha, kull nhar ta' Ħadd.

Laqgħa importanti li ssir kull ħmistax, is-Sibt filgħaxija, hija laqgħa tal-koppji miżżewġa, fejn il-koppji li jiġu jimmeditaw flimkien u jitolbu flimkien, u jieħdu formazzjoni kattolika.

U naturalment, fl-Oratorju, li ismu miegħu hu post tat-talb, issir ukoll laqgħa ta' talb darba fil-ġimgħa għal kull min ikun jista' mill-membri ta' l-Oratorju fejn nimmmeditaw flimkien il-Vanġelu tal-Ħadd li jkun imiss.

### *Kif tħares lejn il-missjoni ta' l-Oratorju fi żminijietna?*

Nixtieq nibda billi ngħid li l-Oratorju, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar ħa jkun hawn bżonnu. Fl-Italja, wara d-diżastru fost iż-żgħażagħ fejn għal snin dawn tħallew igħixu f'liberta' sħiħa bla kontroll ta' ħadd, qed jinħass il-bżonn ta' l-Oratorji tant li l-Gvern Taljan għadu kemm ħa deċiżjoni li jgħinhom finanzjarjament u b'esperti fil-formazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ għax l-Oratorji huma bżonnjużi.

F'Għawdex, għalkemm għadna ma wasalnix għat-tħarbit fost iż-żgħażagħ li waslu fih pajjiżi oħra, xorta jibqa' jeżisti l-bżonn ta' l-Oratorju. U l-missjoni ta' dan l-Oratorju fi żminijietna hija waħda: li jagħmel minn kollox biex ibiegħed lit-tfal u liż-żgħażagħ minn ħalq il-lupu bl-attivitajiet sportivi, kulturali u reliġjużi li joħloq għalihom. La hi missjoni ħafifa u lanqas ma hi missjoni li ssir bla għajnuna finanzjarja u jien jidhirli li d-Direttur ma għandux ikun *'financial wizard'* li jara mnejn ħa jġib flus għall-attivitajiet li jsiru b'risq it-tfal u ż-żgħażagħ, għax isib li ma jibqagħlux la enerġija u lanqas ħin biex jaħseb x'ser jagħmel u jorganizza. Għal dan għandha taħseb id-Djoċesi, biex id-Direttur u kulmin jaħdem miegħu jkun ħsiebu f'dik li tissejjaħ Formazzjoni.

Missjoni importanti ta' l-Oratorju hi l-formazzjoni tal-ġenituri fejn jintwerew lilhom il-valuri nsara, u b'hekk jagħrfu li wliedhom mhumiex jaħlu l-ħin meta jkunu fl-Oratorju, imma jkunu qed jiffurmaw ruħhom.

### *X'messaġġ tixtieq taqsam mal-qarrejja?*

Messaġġ sempliċi ħafna. L-ewwelnett itolbu għal min qed jaħdem fost it-tfal u ż-żgħażagħ biex ikun kalamita li tiġbidhom lejn Kristu. B'hekk biss id-Direttur ta' l-Oratorju jkun qed jaqdi d-dmir tiegħu ta' Direttur.

Lill-insara kollha ta' Għawdex, kemm lil min qiegħed fil-Ġerarkija tal-Knisja ta' Kristu f'din id-Djoċesi u kemm min hu sempliċi nisrani nitlobkom tagħrfu l-ħtieġa ta' post bħall-Oratorju u tagħtuh is-sapport tagħkom: *sapport morali l-ewwel u qabel kollox u sapport finanzjarju* – bis-sapport morali tagħkom tagħmlulna l-kuraġġ li nkomplu naħdmu għat-tfal u għaż-żgħażagħ f'dan it-tielet millennju ta' ħajja nisranija, bis-sapport finanzjarju tagħkom isserħulna moħħna minn ħafna nkwiet. Nixtiequ naħdmu aktar għall-ġid tat-tfal u ż-żgħażagħ - ħalluna naħdmu, ixxekluniex, agħtuna l-wisa' u żommu quddiem għajnejkom il-kliem ta' Kristu lill-Appostli meta marru jgergu ma' Ġesù għax raw lil xi ħadd jagħmel il-mirakli f'ismU u riedu jwaqqfuhom: *Ħalluhom, għax min mhux kontra tagħkom huwa magħkom. EJJEW NIĠBDU ĦABEL WIEĦED LADARBA GĦANDNA IDEJAL WIEĦED.* U lill-awtoritajiet ċivili ta' pajjiżna nitolbuhom iżidu fl-għajnuna li qed jagħtuna, u dan jagħmluh mhux b'karità imma bi dmir, għax entità bħall-Oratorju tgħin lis-soċjetà jkollha ċittadini ta' min joqgħod fuqhom.




LUMEN CHRISTI
PUBLICATIONS
1972 - 2002
kwart ta' miljun
ktieb fi 30 sena
MARIJA
fil-Misteru
ta' Kristu
u
tal-Knisja
KATEKIŻMU
GĦAĊ-ĊKEJKNIN
LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE
Victoria, Għawdex
Il-Mara
FID-DINJA ANTIKA, FIL-BIBBJA U FIL-KNISJA
Niċċelebraw... bi 3 kotba ġodda!

Letteratura Għawdxija



# Il-Mewt timxi mal-Moda

Poeżija ta'
Francis Sultana

*M'għadhiex il-mewt gozz għadam*
*iżżurlek biss ix-xiħ;*
*saret timxi mal-moda,*
*iddur l-erbat irjieħ.*

*Ilmaħtha jien dan l-aħħar,*
*f'pilota wiċċ samran,*
*tħebblek għall-bini, torri,*
*tisplodi ajruplan.*

*Rajtha għajnejha żżebbeġ*
*ma' ġuvintur tinnamra,*
*xi ecstasy tnewlilhom,*
*ħa jibqgħu magħha msammra.*

*Sirt naf li taf tinħeba,*
*f'xi invilopp bħal terra,*
*biex minnu kull mard kiefer*
*fuq min jiftħu, hi tferra'.*

*Tirkeb ukoll fuq missila,*
*li tiġi minn tant bogħod,*
*biex f'leħħa f'irmied tidfen*
*lil min ħaseb l'hu sod.*

*Tant saret sew magħrufa,*
*iddur ma' kullimkien,*
*li sirna spallejn ngħollu,*
*bħal: "x'jimpurtani jien!"*

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.



# ESCRIVÀ

***Min hu San Josemaria Escrivà de Balaguer?***

*San Josemaria Escrivà, twieled fi Spanja fl-1902. Miet f'Ruma fl-1975. Ġie kkanonizzat mill-Papa Ġwanni Pawlu II fis-6 ta' Ottubru 2002.*

*Ġabar l-ispiritwalità tiegħu fi ktieb li semmieh "It-Triq", maqlub f'diversi lingwi u msejjaħ minn bosta bħala " il-Kempis modern"*

*F'dan il-ktieb, kif hu stess jistqarr, "**għandek pariri ta' ħabib, ta' ħuk, u ta' missier. Xejn ġdid ma jien se ngħidlek. Niffriskalek biss il-memorja. Biex infakkrek f'xi ħaġa li tista' tolqtok**".*

## *Sinjali ta' Gwida fit-"TRIQ"*

✔ ***Umiltà:*** *Int ...imkabbar? Biex?*

✔ ***Talb:*** *Qaddis bla ma titlob?...Ma nemminx fi qdusija bħal din.*

✔ ***Safa:*** *Id-Dekor u l-modestja huma l-aħwa żgħar tas-safa.*

✔ ***Tgħakkis:*** *Il-qalb qarrieqa. Żommha msakkra b'seba' katnazzi.*

✔ ***Il-Qalb:*** *Ġesù ma jikkuntentax bin-nofsijiet. Irid **Kollox.***

✔ ***Penitenza:*** *L-akbar għadu tiegħek hu... int innifsek.*

✔ ***Riżoluzzjonijiet:*** *Aqdi dmirek "issa". U toqgħodx tħares la lura lejn "il-bieraħ" li ġa għadda, u lanqas 'l quddiem, lejn "l-għada" li għandu mnejn ma jasallek qatt.*

✔ ***Issa:*** *"Issa" erġa' aqbad ħajja tajba. "Issa" titbellahx. "Issa" ma hu qatt kmieni biżżejjed u lanqas tard iżżejjed.*

✔ ***Il-Preżenza t'Alla:*** *Jalla Ġesù jkun*

- ***L-iskop*** *fil-fehmiet tagħna;*
- ***l-imħabba*** *fil-ġibdiet tagħna;*
- ***is-suġġett*** *fid-diskors tagħna,*
- ***il-mudell*** *fil-għemil tagħna*

✔ ***Il-Ħajja Soprannaturali:*** *L-ambizzjoni tiegħi: inkun tajjeb jien, u nara lill-oħrajn kollha aħjar minni.*

✔ ***Il-Kurċifiss:*** *Bħala nisrani ġorru dejjem miegħek*

- *qegħdu fuq l-iskrivanija tiegħek,*
- *busu qabel ma tidħol fis-sodda u meta tqum filgħodu,*
- *u meta ġismek jaħbat għal ruħek (fit-tentazzjoni) erġa' bus il-kurċifiss.*

✔ ***Il-Ħajja tar-ruħ:*** *Il-Mulej tibżax issejjaħlu b'ismu: Ġesù u għidlu li tħobbu.*

✔ ***Formazzjoni:*** *Int imdejjaq? Ma jistax jonqos ladarba inti żżomm is-sensi **mqajmin** u lil ruħek **rieqda.***

✔ ***Temperament:*** *Tkunx pessimista.. Ma tifhimx li kull ma jiġri għall-aħjar? Daqs kemm ikollok **fidi,** daqshekk ieħor ikollok **ottimiżmu.***



# QADDIS ĠDID



## Il-Messaġġ ta' Padre Escrivà

-Kulħadd huwa msejjaħ għall-qdusija.
-Qaddes l-ħajja tax-xogħol ta' kuljum.
-Qaddes lilek nnifsek fil-ħajja ta' kuljum u permezz tal-ħajja ta' kuljum.

-Meta noffru lil Alla x- xogħol ta' kuljum:
-kollox isir talba
-kollox iressaqna lejn Alla
-kollox jgħinna biex nibqgħu f'kuntatt ma' Alla, lejl u nhar
-U hekk din id-dinja ssir it-triq u l-mogħdija lejn is-Sema.

- ***Qdusitek:*** *Jalla n-nar ta' mħabbtek ma jkunx bħal **suffarel** li malajr jintefa' u la jdum jaqbad u lanqas isaħħan imkien.*
- ***L-Imħabba t'Alla:*** *Għallimni nżomm il-qies f'kollox.. imma mhux fl-imħabba. Irrid inkun l-aħħar wieħed f'kollox... O Ġesù... imma l-ewwel wieħed fl-imħabba.*
- ***L-Imħabba tal-Proxxmu:*** *Qatt toħroġ bi kritika negattiva. Jekk ma tistax tfaħħar... tgħid xejn.*
- ***Knisja:*** *X'ferħ kbir għalija li bil-ħeġġa nista' ngħid: Inħobb il-Knisja Mqaddsa, Ommi.*
- ***Il-Quddiesa:*** *Meta tersaq lejn it-Tabernaklu ftakar li Hu kien ilu għoxrin seklu jistenniek.*
- ***Marija:*** *Hi Omm. Tgħejja qatt issejħilha. Hija qegħda tisimgħek.*
- ***Devozzjonijiet:*** *Iż-Żjara lil Ġesù Sagramentat tħallihiex... Oqgħod tkellem ma' Ġesù fit-Tabernaklu..*
- ***Ir-Rużarju:*** *Ir-Rużarju Mqaddes hu arma qawwija. Ħaddimha bil-fidi u bil-fiduċja... u tibqa' mistagħġeb bir-riżultati.*



- ***Il-Fidi:*** *Kemm hi sabiħa l-fidi tagħna Kattolika. Hija tgħinna nsibu tarf ta' kull kobba mħabbla.*
- ***Umiltà:*** *Keċċi minn moħħok il-ħsibijiet suppervi. M'intix ħlief pinzell f'idejn l-artist u xejn iżjed. X'jiswa l-pinzell jekk ma jħallix lill-pittur jagħmel ix-xogħol tiegħu?*
- ***Il-Ferħ:*** *Gdiedem, imġieba żorra, bixra ta' kelb mismut, ħars biċ-ċiera! Hekk trid tħajjarhom lil sħabek biex jimxu wara Kristu?*
- ***Alla:*** *Afda dejjem f'Alla tiegħek. Hu ma jitlifx battalji.*
- ***Il-Ħwejjeġ żgħar:*** *Att ċkejken, magħmul bl-imħabba, jiswa mitqlu deheb.*
- ***Il-Mara:*** *Il-Mara aktar qawwija mir-raġel u aktar fidila minnu fis-siegħa tas-sofferenza.*
- ***Sejħa:*** *Aqbad l-apostolat ħalli tagħti kollox. U tfittex ebda ħlas tad-dinja.*
- ***Apostolat:*** *Imbierek l-apostolat tas-sofferenza... l-appostolat tal-ħbiberija... l-appostolat ta' fuq il-mejda ta' l-ikel...l-apostolat tal-ittri. X'qawwa evenġelika hemm fl-apostolat intellettwali!*

BOOKMARK

# *"MARIJA FIL-MISTERU TA' KRISTU U TAL-KNISJA"*




*Fis-sena li fiha l-"Lumen Christi Publications" qed tfakkar it-30 sena mit-twaqqif tagħha, għal darba oħra qed tagħtina ktieb ġdid ta' Mons. Isqof Nikol G. Cauchi. Niftakru li kien Mons. Isqof li waqqaf din id-dar editorjali għawdxija, l-ewwel waħda f'Għawdex.*

*"Marija fil-Misteru ta' Kristu u tal-Knisja" huwa l-ħdax-il ktieb ta' Mons.Isqof dwar il-Verġni Marija, u kif jistqarr fid-daħla dan għamlu għaliex jemmen li s-saċerdot għandu "iħabrek b'kull mezz li jkollu f'idejh biex l-insara ta' madwaru jitħeġġu huma wkoll bl-imħabba lejn Marija, l-Omm tagħhom tas-sema". Mill-isem tal-ktieb wieħed mill-ewwel jista' jintebaħ li x-xewqa ta' l-awtur hija li jwassal fil-qosor it-tagħlim tal-Knisja dwar il-Verġni Marija. Il-ktieb fih 144 paġna, jikkonsisti f'ħames taqsimiet li jitkellmu dwar: Marija fil-Kotba Mqaddsa, Marija fit-Twemmin Kattoliku, Marija fil-Misteru ta' Kristu, Marija fil-Misteru tal-Knisja, u l-Qima lejn il-Madonna.*

*Din il-ġabra ta' trattat marjoloġiku ċkejken, miktuba biex isservi ta' katekeżi dwar il-persuna u l-missjoni tal-Verġni Marija, għandha sservi biex il-qima u l-imħabba tagħna lejn il-Verġni Marija ma tkunx frott ta' xi sentimentaliżmu iżda tkun mħabba ġenwina mibnija fuq il-Kelma t'Alla u t-tagħlim tal-Knisja.*

*Il-ktieb, li għandu preżentazzjoni mill-isbaħ, jista' jinkiseb direttament mill-Lumen Christi Media Centre fir-Rabat Għawdex, jew mill-ħwienet ewlenin ta' qari reliġjuż f'Malta u f'Għawdex. Jinbiegħ Lm 2.50c.*

***Dun Gerard Buhagiar S.Th.D.***

# *"KATEKIŻMU GĦAĊ-ĊKEJKNIN"*

*Il-Lumen Christi Media Centre ta' Għawdex għadu kemm ippubblika ktejjeb ta' Katekiżmu għaċ-Ċkejknin, adattament minn ktejjeb ta' Fr.Laurence G.Lovasik, SVD, bil-permess tal-Catholic Book Publishing ta' New York.*




*Nistgħu ngħidu li l-Media Centre ta' Għawdex ma setgħetx tagħti rigal aqwa lit-tfal tagħna, ktejjeb tassew sabiħ u utli għalihom.*

*Huwa Katekiżmu: 1) **Ferrieħi**: Jgħidlek aqrani. Sempliċi u ħafif. 2) **Kulurit**: F'kull paġna għandek issib tnejn, tlieta jew erba' stampi bil-kulur, adatti għat-tfal. 3) **Ħafif**: Forma ta' mistoqsija u tweġiba adattati għall-eta` taċ-ċkejknin. Imma anke l-kbar jiswielhom ta' ġid! 4) **Komplit**: Imiss il-veritajiet kollha tal-fidi, imma b'mod li jiftiehem mill-ewwel u minn kulħadd. 5) **Għal idejn kulħadd**: B'mod speċjali għall-klassijiet tad-duttrina, sorijiet, teachers, kif ukoll għall-ġenituri u tfal. Jgħin ħafna lill-ġenituri biex iwieġbu l-mistoqsijiet ta' wliedhom.*

*Jinsab għall-bejgħ minn għand il-librara tal-kotba reliġjużi. Min irid il-kwantita` ta' 'l fuq minn 50 kopja, iċempel lil-Lumen Christi t'Għawdex, tel.21560496 u jkollu skont ta' 10%. Jinbiegħ Lm 1 il-kopja.*

*Nistiednu lill-Kappillani jfittxu li jiġi f'idejhom ħalli jaraw huma stess xi ġmiel ta' ktieb. Fuq kollox, huwa "a must" għat-tfal u katekisti.*

***Arċipriet Mons. Carm. Mercieca***

John Portelli Ent. Ltd.
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36




### *San Josemaria Escriva` de Balaguer*

Escriva`, fundatur ta' l-Opus Dei, ġie dikjarat qaddis mill-Papa, fi Pjazza San Pietru, nhar il-Ħadd, 6 ta' Ottubru 2002, quddiem aktar minn 350,000 ruħ. Fost il-pellegrini kien hemm Dr. Manuel Nevado Rey, li l-fejqan tiegħu inspjegabbli, meta li fl-1992 inxteħet taħt l-interċessjoni tal-Beatu Escriva`, fetaħ it-triq biex Escriva` jiġi dikjarat qaddis. Fi tmiem l-udjenza fi Pjazza S. Pietru, għall-pellegrini li ġew għall-kanonizzazzjoni, il-Papa laqa' lill- Patrijarka Ortodoss Teoctist tar-Rumanija.

### *Il-bżonn li nitolbu għall-Erwieħ tal-Purgatorju*

F'messaġġ lis-Sorijiet Minimi tal-Madonna tas-Suffraġju, il-Papa inkoraġġixxa t-talb għall-erwieħ tal-purgatorju u saħaq fuq il-bżonn speċjali li għandhom ta' dan it-talb. Il-kariżma ta' dawn is-sorijiet, li f'Settembru kellhom il-kapitlu ġenerali f'Ruma, tikkonsisti filli jiftakru fir-rabta profonda bejn il-ħajjin u l-mejtin. Fil-messaġġ, il-Papa qal li "l-ikbar u l-ogħla għamla ta' karita` lejn ħutna hi x-xewqa ardenti għas-salvazzjoni eterna tagħhom... L-imħabba nisranija ma tafx limiti u tmur lil hinn mil-limiti ta' spazju u żmien, billi tagħmilna kapaċi nħobbu lil dawk li diġa` ħallew din id-dinja".

### *Kriżi dwar l-Iraq: Tliet mistoqsijiet*

Il-Kardinal Roberto Tucci, organizzatur taż-żjajjar tal-Papa tul l-aħħar 23 sena, appella għat-talb għall-kriżi Iraqqina u appella lill-mexxejja tad-dinja li jinsistu fuq soluzzjoni militari mingħajr l-involviment tal-Għnus Magħquda, biex jirriflettu fuq l-implikazzjonijiet ta' azzjoni bħal din.

(a) "L-awtoritajiet li għamlu dawn id-deċiżjonijiet, qiesu l-konsegwenzi għall-popolazzjoni ċivili ta' l-Iraq?".

(b) "Irriflettew fuq il-fatt li meta jagħmlu dan, huma jġarrfu l-awtorita` internazzjonali tal-Għnus Magħquda, li hi l-unika awtorita` li f'ċertu sens tista' tgħin biex tinkiseb paċi mingħajr gwerrer?", kompla.

(c) Fit-tielet punt, Tucci staqsa jekk il-mexxejja internazzjonali "hux qed jaħsbu bis-serjeta` fuq il-fatt li ċerti pożizzjonijiet politiċi fl-Istati Uniti – fil-preżent predominanti – se jwasslu għal għaqda ġdida tad-dinja Għarbija, inkluża dik Musulmana, u hekk jagħmlu dejjiema t-tixrid tat-terroriżmu u l-ġlieda kontra t-terroriżmu?"

### *Ir-Raba' Laqgħa Dinjija tal-Familji*

Din se ssir fil-25 u s-26 ta' Jannar 2003 gewwa Manila, il-Filippini. Il-motto magħżul mill-Papa hu: "Il-Familja Nisranija: Aħbar Tajba għat-Tielet Millennju". Il-Kunsill Pontifiċju għall-Familja ħareġ materjal biex jgħin ir-riflessjoni, meditazzjoni, djalogu u talb, li nissuġġeruħ ħafna lill-operaturi tal-pastorali.

### *Għal Spanja*

Wara udjenza mal-Papa, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin Spanjol, Ana Palacio, qalet li hu possibbli li l-Papa jżur Spanja fir-rebbiegħa li ġejja.

### *Il-Papa jinkoraġġixxi s-Sahriet Ewkaristiċi matul il-lejl kollu*

Dan għamlu f'messaġġ mibgħut biex ifakkar il-125 anniversarju mit-twaqqif ta' l-Adorazzjoni Spanjola tul il-Lejl kollu, u li nqara fl-aħħar *weekend* ta' Settembru mill-Kardinal Rouco ta' Madrid lil madwar 3,000 fidil. Il-konvertit Franċiż-Lhudi Hermann Cohen waqqaf l-Adorazzjoni tal-Lejl kollu fl-1848. Illum din hi mixmuma f'aktar minn 40 pajjiż fejn gruppi ta' nsara jaduraw lil Ġesu` fl-Ewkaristija tul il-lejl kollu. L-adoraturi jiltaqgħu darba f'xahar għal velja, li tibda b'quddiesa, segwita mill-esposizzjoni tas-Smu. Sagrament u r-Rużarju; wara l-liturġija tas-sigħat u mbagħad talb u adorazzjoni fis-silenzju. Il-velja tispiċċa bit-talb tal-lawdi u tagħlaq l-adorazzjoni.

Għandek xi tip ta' propjeta` għall–bejgħ: Farm Houses—Appartamenti—Plots u Raba'?
Jekk tixtieq tbiegħ xi propjeta`, asal wasla s'għandna jew ċempel lil J. Debrincat

J. DEBRINCAT LIMITED

*Pjazza San Frangisk Victoria - Gozo Tel 21553960 - 21560102 Fax 21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt* www.debrincat.com.mt

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (12)



# L-Eżistenza t'Alla fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## 2. *IR-RAĠUNI TAGĦRAF L-EŻISTENZA TA' ALLA*

Kemm il-Missirijiet tal-Knisja ta' l-ewwel sekli, kif ukoll id-Dutturi u l-Għorrief ta' l-Iskolastika, ma naqsux li jelaboraw provi jew argumenti tar-raġuni, li jwasslu għall-konklużjoni ta' l-eżistenza ta' Alla.

San Tumas minn Aquino fis-seklu tlettax, ippropona il-ħames toroq, "*quinque viae*", li huma provi filosofiċi sabiex mill-eżistenza tal-ħlejjaq, nagħrfu l-eżistenza tal-Ħallieq, ibbażati l-iktar fuq il-prinċipju tal-kawżalità, ċioè li ma jistax jeżisti l-effett jekk qabel ma jkunx hemm il-kawża bħala bidu tiegħu, u li meħtieġ li jkun hemm proporzjon jew xi għamla ta' xebħ, bejn il-kawża u l-effett tagħha. Dawn il-provi jew sinjali ta' l-eżistenza ta' Alla, insibuhom kemm fil- "*macrocosmos*" ċioe` l-univers u d-dinja li tidher, kif ukoll fil- "*microcosmos*" jew l-univers iż-żgħir li huwa l-bniedem bil-meravilji li fih.

Kif jgħallimna dan id-Duttur tal-Knisja (*Summa Theol.*,p.1,q.2,art.3):

(i) Fil-ħolqien ta' madwarna, aħna nosservaw xi ċaqlieq, xi movimenti u xi kambjamenti jew tibdil; issa dan it-tibdil jew ċaqlieq ma jsirx waħdu iżda minn xi ħaġa oħra li hija l-bidu ta' dan il-moviment u li nistgħu nsejħulha "il-mutur" tiegħu. Teżisti katina twila ta' ħlejjaq li jġibu t-tibdil fl-oħrajn u huma nfushom jeħtieġu xi ħaġa li tibda fihom dak il-moviment. Imma ma jistax ikun hemm serie jew sensiela infinita ta' ħlejjaq li huma fl-istess ħin "muturi" u "moti" jew jiddependu minn ħaġa oħra għal dak il-moviment tagħhom. Fl-aħħar għandna naslu għal dak l-Esseri li jmexxi kollox u ma jiddependi minn ħadd għall-attivita` tiegħu, "*Motor non motus*", u dan huwa Alla.

(ii) Fit-tieni "triq" San Tumas, iġib l-istess argument fuq il-kawżalità ta' kull oġġett li ma kienx minn dejjem iżda beda jeżisti, jeħtieġ li jkollu kawża li tispjega r-raġuni ta' l-eżistenza tiegħu. Fil-ħlejjaq hemm ħafna li huma kawżi imma fl-istess ħin huma wkoll effett ta' xi kawża barra minnhom. Anki f'dan il-kas, ma jistax ikun hemm serie infinita. Fl-aħħar tas-serie u bħala bidu tagħha, għandna nsibu kawża li ma tiddependi minn ebda kawża oħra, imma li minnha jiddependi kollox ,"*causa causarum*". Din il-kawża li ma hix effett, nsejħulha wkoll "*causa prima*", huwa Alla.

(iii) Hemm ukoll il-fatt li d-dinja hija kontinġenti, jiġifieri ma għandhiex l-ispjegazzjoni tagħha fiha nfisha, u ma teżistix b'neċessita`, għad li teżisti setgħet ma teżistix. Id-dinja ma kinitx tista' tibda teżisti li kieku ma kienx hemm, bħala bidu tagħha, xi ħadd li huwa esseri neċessarju, ċioe` jeżisti min-natura tiegħu u mingħajr ebda dipendenza minn ħadd; u dan huwa l-Ħallieq.

(iv) Il-kreaturi li jeżistu fid-dinja għandhom ħafna kwalitajiet tajba jew perfezzjonijiet. Bħal ma hija sbuħija, saħħa, u intelliġenza, iżda dawn il-perfezzjonijiet li hemm fil-kreaturi huma limitati, kollha jonqoshom xi ħaġa u ma għandhomx il-milja tal-perfezzjoni. Ir-raġuni ta' l-eżistenza tagħhom mhix qiegħda fihom infushom, iżda huma jitolbu u jindikaw esseri li m'għandux limitazzjonijiet, iżda huwa infinitament perfett; u dan l-Esseri huwa l-għajn li minnu l-kreaturi jipparteċipaw jew ikollhom sehem, bil-perfezzjoni limitata li għandhom.

(v) Fl-aħħarnett, San Tumas, fil-ħames triq, juża l-argument mill-ordni li nosservaw fid-dinja maħluqa, li forsi huwa l-eħfef wieħed mill-ħames provi. Fil-ħolqien nosservaw ordni

tal-għaġeb, ċerti liġijiet tan-natura li kull ħlieqa toqgħod għalihom. **Ix-xjenza nnifisha tagħtina xhieda ta' dawn il-liġijiet u l-ordni kożmiku.** Iżda dan l-ordni ma setax beda waħdu, imma kien ipproġġetat u mibdi minn Esseri intelliġenti u kollu setgħa. Dan huwa Alla, il-Ħallieq.



Barra mill-argumenti ta' San Tumas, nistgħu nużaw ukoll l-argument tal-kuxjenza universali. Għaliex il-bnedmin għandhom il-kuxjenza li tgħidilhom li hemm azzjonijiet li huma moralment tajbin u ta' min jagħmilhom, u għemejjel oħra li huma moralment ħżiena u ta' min jevitahom. Fi kliem ieħor, il-kuxjenza tal-bniedem anki jekk mhix nisranija tiskopri li hemm liġi morali li mhix ġejja minn bnedmin oħra. Dan il-għarfien iwassal il-bniedem biex jirrikonoxxi l-eżistenza ta' leġiżlatur, ċioe` li hemm xi ħadd ogħla mill-bniedem, li bil-għerf u bil-qdusija tiegħu, ta lill-umanita` din il-liġi morali li għandha tiġi osservata u li fuqha jingħataw il-premju jew il-kastig.

Il-Konċilju Vatikan I, li mexa ħafna fuq it-tagħlim ta' San Tumas, jgħidilna (Kostituzzjoni "*Dei Filius*") li "l-Knisja Mqaddsa Ommna, żżomm u tgħallem li Alla, l-bidu u t-tmiem ta' kollox, jista' jiġi magħruf b'ċertezza permezz tad-dawl naturali tar-raġuni umana, minħabba l-ħwejjeġ li ġew maħluqa, għaliex 'il-kobor tiegħu li ma jidhirx, huma setgħu jagħrfuħ sa mill-ħolqien tad-dinja permezz tal-ħlejjaq'(Rom. 1,20)."





*It is time to prepare your present and why not giving something personal this Christmas?*

Come and join a course to learn how to make your presents or decorations yourself. For our crafts you do not need any artistic skills! Just book now and phone 21 550545 or 79617746 and ask for Hermine Sammut or e-mail: set@sammuts.com (max 5 participates are excepted in one course)
STUDIO opens: Mo 9.00-15.30 ,Thu 9.00-20.00 & Sat 9.00-19.00
MECMIC Cimcem Str. NADUR

*November, December Schedule*

| | | |
|---|---|---|
| *Basic folk art* depending on the item LM 13-19<br>11th, 18th, 25th Nov 9.30-11.30<br>*Hot plate* LM 9<br>18th, 25th Nov 17.00-19.00<br>29th Nov, 6th Dec or 13th,20th Dec 9.30-11.30<br>*Ceramic painting on mug* LM 10<br>*7th Dec 9.00-11.30 or 15.00-17.30*<br>*Steps with advanced flowers* LM 25<br>28th Nov, 5th ,12th, 19th Dec 17.00-19.00<br>*Christmas ball* *LM 5*<br>15th or 22nd Nov from 9.30-12.30 or 17.00-20.00<br>*Christmas Door Decoration* LM 17<br>7th, 14th, 21st Nov 9.30 – 11.30<br>7th, 14th, 21st Nov 17.00-19.00<br>*Christmas biscuit tin* with Santa Claus LM 21<br>Get our own tin LM17<br>28th Nov, 5th ,12th, 19th Dec 9.30-11.30<br>27th Nov, 4th ,11th, 18th Dec 17.00-19.00<br>*Christmas place mat* with penguins LM 9<br>2nd ,9th, 16th Dec 9.30-11.30<br>2nd ,9th, 16th Dec 17.00-19.00<br>*Calendar* LM 17<br>29th Nov, 6th, 13th Dec 17.00-19.00 | *Christmas*<br>*Holiday courses* for youngsters from 8 yers onwards<br>Basic folk art: room sign or treasure box<br>26th, 27th, 30th Dec 9.30-10.30 or 14.00-15.00 LM 10<br>*Christmas*<br>*Holiday courses* for youngsters from 8 years onwards<br>Decoupage art utensil box for school LM10<br>26th, 27th, 30th Dec, 2nd Jan 11.30-12.30 or 15.30-16.30<br>*Christmas*<br>*Holiday courses* for mothers and children<br>Mosaic frame for picture or mirror<br>31th Dec, 2nd, 3rd Jan 9.30-11.30<br>31th Dec, 2nd, 3rd Jan 17.00-19.00 LM 17<br>*Courses for January 2003*<br>*Place mats with decouage&crackel* LM 15<br>6th, 9th 13th, 16th, 20th Jan from 9.30-11.30<br>*Box with basic flowers* LM 18<br>10th, 17th, 24th, 31st Jan from 9.30-11.30<br>*Knife stand with fruits* LM 19<br>9th, 16th, 23rd, 30th Jan from 17.00-19.00<br>*Kitchen clock with Olives* LM 19<br>10th, 17th, 24th, 31st Jan 2003 17.00-19.00 | <br><br> |



# "...NISTENNA L- QAWMA MILL-IMWIET U L-ĦAJJA TAŻ-ŻMIEN LI ĠEJ"

(mill-Kredu Niċeno Kostantinapolitan)

## It-Tifkira Solenni tal-Fidili Mejtin Kollha fil-Liturġija

*Kitba ta' l-Editur ġdid, **Dun Reuben Micallef***

***"Il-Knisja ta' dawk li għadhom fil-vjaġġ fuq din l-art tagħraf sewwa l-għaqda li hemm fil-ġisem mistiku kollu ta' Kristu u, sa mill-ewwel żmien tar-reliġjon nisranija, dejjem qiemet b'tjieba kbira t-tifkira tal-mejtin. U għaliex huwa "ħsieb tajjeb u qaddis titlob għall-mejtin biex huma jinħelsu minn dnubiethom" (2 Mak. 12,46), offriet ukoll suffraġji għalihom." (Lumen Gentium,50)***

Ix-xahar ta' Novembru ifakkarna fil-mejtin tagħna u permezz taċ-ċelebrazzjonijiet, devozzjonijiet, drawwiet u tradizzjonijiet marbuta ma' dan ix-xahar, il-poplu nisrani mingħajr ma jrid iħabbat wiċċu ma wieħed mill-aspetti fundamentali tar-reliġjon tagħna - il-ħajja ta' wara l-mewt.

L-idea ta' din it-tifkira, bil-mod kif nifhmuha aħna, tmur lura għas-seklu ħdax meta ċertu Odilone, abbati qaddis tal-monasteru famuż ta' Cluny, li miet fl-1048, ried li fl-ordni tiegħu wara l-Għasar tas-solennita` tal-Qaddisin kollha jiġi ċċelebrat Uffiċċju għall-mejtin kollha. Dan l-użu ġie diffuż fil-Knisja universali f'qasir żmien u dan jixhdu l-*Ordo Romanus XIV*. Aktar tard ġiet mogħtija wkoll lis-saċerdoti l-fakultà li f'dan il-jum jistgħu jiċċelebraw għal tlett darbiet l-Ewkaristija b'suffraġju tal-fidili mejtin. Din id-dispożizzjoni saret mill-Papa Benedettu XV (1914-1922). Kien imbgħad il-Papa Piju XI (1922-1939), li ddefinixxa dan il-jum bħala 'festa solenni'. It-tlett quddisiet jiġu applikati minn kull saċerdot, waħda għall-mejtin kollha, l-oħra skond l-intenzjoni tal-Papa u l-oħra intenzjoni partikulari libera.



*Impressjoni artistika, f'inċiżjoni antika, tal-quddiesa bħala suffragju għall-erwieħ tal-Knisja Purganti, f'għaqda spiritwali mal-Knisja Pellegrinanti u l-Knisja Glorifikanti (Anon, Seklu XVII)*

Drawwa qaddisa marbuta ma' dan ix-xahar hija appuntu li wieħed jiftakar b'mod speċjali fil-mejtin tiegħu. Huma diversi l-modi kif wieħed jista jesprimi r-rispett tiegħu lejn dawn l-għeżież ħutna. Għal xi wħud dan jista jkun ristrett biss għaż-żjajjar fiċ-ċimiterji, billi jqiegħed xi fjuri u jixgħel xi xemgħa fuq qabarhom; oħrajn jgħidu xi talba fuq il-fdalijiet tagħhom, Iżda l-isbaħ ħaġa li wieħed jista jagħmel għall-mejtin tiegħu hi li joffrilhom s-suffraġju li jsir permezz tal-quddies. *"Il-Knisja toffri s-sagrifiċċju ewkaristiku tal-Għid ta' Kristu għall-mejtin, hekk li, fil-komunjoni eżistenti bejn il-membri ta' Kristu, uħud jirċievu għajnuna spiritwali u oħrajn il-faraġ tat-tama" (Institutio Generalis Missalis Romani n.379).*

Fit-Talba Ewkaristika wkoll issir dejjem lit-tifkira ta' l-aħwa mejtin; fl-I, II, u III Talba Ewkaristika teżisti l-possibilità li dawn jiġu msemmija b'isimhom. Teżisti wkoll tradizzjoni antikissima li tmur lura sal-Papa San Girgor il-Kbir (590-604), li jiġi ċċelebrat l-hekk imsejjaħ 'xahar gregorjan'. Dan jikkonsisti fi tletin quddiesa li jiġu ċċelebrati waħda wara l-oħra mingħajr interruzzjoni għal 30 jum sħaħ. Għaldaqstant fl-1967, dik li dakinhar kienet il-Kongregazzjoni tar-Riti, kienet stabiliet li anke jekk dawn jiġu mwaqqfa għal raġuni serja ta' mard jew xi



impediment ieħor gravi tas-saċerdot, dan għandu jkomplihom minn fejn ikun wasal, mill-aktar fis possibbli, mingħajr il-ħtieġa li jerġa jibdihom mill-ġdid kif kien isir qabel, meta jinqala l-każ. Din it-tradizzjoni ġejja minn fatt storiku fil-ħajja ta' dan il-Papa kbir, meta għal xahar sħiħ kien jitlob fl-ewkaristija għal ċertu monaku Ġustu li kien għadu kif miet u wara t-tletin jum ra f'viżjoni lil dan il-monaku dieħel fil-Ġenna.



Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fin-numru 1032 jgħidilna: "*Sa mill-ewwel żminijiet, il-Knisja tat ġieħ lit-tifkira tal-mejtin u offriet suffraġji għalihom, b'mod partikulari s-sagrifiċċju ewkaristiku, biex imsoffija minn dnubiethom, jistgħu jaslu għall-viżjoni beatifika ta' Alla. Il-Knisja tirrakkomanda wkoll il-karita`, l-indulġenzi u l-penitenzi b'suffraġju għall-mejtin". Interessanti dwar dan ir-rigward, hija t-talba li Santa Monika tagħmel lil binha Santu Wistin u lil ħuħ, hija u tmut : "Idfnu dan il-ġisem xi mkien, ikun fejn ikun; tħabblux raskom bih. Ħaġa waħda nitlobkom: tkunu fejn tkunu, ftakru fija fuq l-artal tal-Mulej*" (ara *Confessiones*, 5,9,10).

Nagħlaq billi nikkwota silta mill-*Catechesis Mystagogicae* ta' San Ċirillu ta' Ġerusalemm : "*Imbagħad (fl-anafora) nitolbu għall-missirijiet qaddisa u għall-isqfijiet li raqdu (r-raqda tal-mewt) u għal dawk li raqdu qabilna, għax nemmnu li dan it-talb ikun ta' siwi kbir għall-erwieħ li għalihom isir dan it-talb waqt li aħna għandna quddiemna l-Vittma qaddisa u tal-biża... noffru lil Kristu ssagrifikat għal dnubietna, biex Alla, l-ħabib tal-bnedmin, iħenn għalihom u għalina*". (*Cat. Myst.* pg 33).

**ATTARD'S FURNITURE**

*For all kinds of Furniture*

- *Main & Spare Bedrooms,*
- *Sitting rooms,*
- *Dinning rooms*
- *Wall-Units, &*
- *Loose Furniture*

**N.B. Fortunato Mizzi Street Victoria Gozo. Tel. 21556760**

**GREZZJU BONELLO**



*Over 10 years of experience...*

*Water Proofing Services*

*for roofs, walls, under tiles and under counter roof*

*"GrezJos" Filfla Street, Għajnsielem, Gozo*

*Tel: 21 557694*

# MEDITERRANEA



## Niċċelebraw 7000 sena ta' kultura f'Għawdex 22-29 ta' Novembru 2002

### Tikteb Marion Zammit

## FESTIVAL ANNWALI FIL-QALBA TAL-MEDITERRAN

Il-gżira ta' Għawdex ser tkun it-tema, anzi l-protagonista, ta' inizjattiva kulturali li ġġib l-isem ta' *Mediterranea*.

*Mediterranea* hija ċelebrazzjoni ta' kultura fil-gżira msaħħra ta' Kalipso, il-gżira Għawdxija fil-qalba tal-Mediterran. Dan il-festival kulturali jesponi lil Għawdex f'dimensjoni ġdida, mhux l-iktar bħala destinazzjoni ta' xemx u baħar imma, iktar minn hekk, bħala destinazzjoni li toffri prodott ta' kwalità għolja: dak ta' l-istorja u l-kultura. *Mediterranea* joffri dak kollu li l-gżira ta' Għawdex hija mfittxija għalih: l-opra, mużika klassika u etnika, tempji neolitici u storja li tisboq kwalunkwe aspettazzjoni, folklor u kċina ġenwina, flimkien mal-kreattività u l-ospitalità tal-poplu Għawdxi. Dan kollu jseħħ waqt wieħed mill-isbaħ xhur tas-sena: f'Novembru, f'nofs il-ħarifa ħiemda.

*Highlights* tal-festival jinkludu l-opra grandjuża ta' Giuseppe Verdi, *Un Ballo in Maschera, it-Te Deum* u r-*Requiem* ta' l-istess kompozitur; kunċert tal-pjanu minn pjanista ta' fama internazzjonali, *Young-Choon Park*; kunċert sinfoniku mill-Banda Ċittadina La Stella; viżita ggwidata mat-tempji tal-Ġgantija (3600BC); kunċert ta' mużika etnika Maltija mill-grupp Malti *Etnika*; ikla tradizzjonali Għawdxija, flimkien ma' spettaklu folkloristiku u logħob tan-nar, f'ambjent ta' festa tradizzjonali.

*Mediterranea* qed toffri ukoll numru ta' eskursjonijiet. Żjarat madwar Għawdex jinkludu dawk madwar iċ-Ċittadella u l-belt l-antika tar-Rabat, uħud mill-knejjes barokki fl-irħula tagħna, mużewijiet, bajjiet, siti panoramiċi mill-isbaħ, ġurnata f'Malta, kif ukoll taħdidiet dwar episodji jew siti mportanti fl-istorja ta' Għawdex fil-kuntest tal-wirt storiku Mediterranju.

Sa mill-ewwel edizzjoni tal-festival *Mediterranea*, il-Kumitat Organizzativ qed jippreżenta ukoll dak li bl-ingliż jissejjaħ il-*fringe festival* jigifieri, għadd ta' attivitajiet oħra, organizzati minn għaqdiet jew individwi, li jittellgħu waqt il-perijodu tal-festival u flimkien mal-kumitat organizzativ.

*Med Fringe* ta' din is-sena jinkludu *puppet show* ispirata minn *La Divina Commedia* ta' Dante Alighieri, *Swan Lake* mill-*Ballet Classique de Paris*, wirjiet ta' l-arti u skultura minn artisti bħal Rebecca Vella, Nicholette Vella u Paul A. Stellini, kif ukoll suq ta' l-artiġġjanat, organizzat flimkien mal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex (*Gozo Business Chamber*).

*Mediterranea* qed tittella' mit-Teatru Astra b'kollaborazzjoni ma' *Holiday Malta, Air Malta* u l-*Malta Tourism Authority*.

L-ewwel edizzjoni ta' *Mediterranea* ser tkun bejn it-22 u d-29 ta' Novembru 2002. Prezzijiet speċjali għal pakketti ta' għażla ta' attivitajiet qed jiġu offruti.

Għal iktar informazzjoni tistgħu tikkuntattjaw lill-Kumitat Organizzativ fuq in-numru tat-telefon: 21550985; fax: 21552737.

## PROGRAMM

***Il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru***
L-opra grandjuża ta' Giuseppe Verdi, *Un Ballo in Maschera*
***Il-Ħadd, 24 ta' Novembru***
Żjara lill-multi-lingual *audio-visual show Gozo 360*, iċ-Ċittadella, il-Mużewijiet ta' l-Istat u t-toroq tal-belt l-antika tar-Rabat, quddiesa tal-Ħadd bil-parteċipazzjoni tal-Kor *Laudate Pueri*
L-opra grandjuża ta' Giuseppe Verdi, *Un Ballo in Maschera*
***It-Tnejn, 25 ta' Novembru***
Żjara lil xi uħud mill-knejjes Għawdxin.
Kunċert tal-pjanu mill-pjanista nternazzjonali *Young-Choon Park.*
***It-Tlieta, 26 ta' Novembru***
Taħdita dwar l-istorja u l-kultura ta' Għawdex.
Kunċert sinfoniku mill-Banda Ċittadina *La Stella.*
***L-Erbgħa, 27 ta' Novembru***
Żjara ggwidata lil xi uħud mill-Mużewijiet f'Għawdex
Żjara ggwidata lit-Tempji tal-Ġgantija (3600BC).
Kunċert ta' mużika etnika maltija.
Ikla tradizzjonali bi żfin folkloristiku, logħob tan-nar u ambjent ta' festa tradizzjonali.
***Il-Ħamis, 28 ta' Novembru***
Żjara ta' ġurnata f'Malta
***Il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru***
Żjara ggwidata f'postijiet panoramiċi u ta' sbuħija naturali f'Għawdex.
It-*Te Deum* u l-*Messa da Requiem* ta' Giuseppe Verdi, bis-sehem tat-tenur ta' fama nternazzjonali,Giuseppe Giacomini.
***MED Fringe***
*Puppet show* minn Stephen Mottram, ispirata minn *La Divina Commedia* ta' Dante Alighieri
Wirja ta' pittura u skultura minn Rebecca u Nicholette Vella.
Wirja ta' pittura minn Paul A. Stellini.
Wirja ta' fotografija minn Daniel Cilia.
Suq ta' l-artiġġjanat.
*Open Performing Space* spazju fejn artisti jistgħu jwaqqfu, jippromwovu jew jesibixxu x-xogħol tagħhom.
*Swan Lake* mill-*Ballet Classique de Paris*
U iktar avvenimenti (tista' tiċċekkja fuq il-website uffiċċjali tal-festival: **info@mediterranea.com.mt**)
**L-informazzjoni hija korretta fil-ħin li ġiet ikkumpilata. Jekk jogħġbok iċċekkja mal-*Booking Office* qabel ma tagħmel l-arranġamenti tiegħek.**






Ta' Pawlu

Bar & Restaurant
Tel: 2155 8355
Mob: 9942 1536
Fax: 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

Da Luigi's
Restaurant & Wine Bar
For the finest food & best selection of wines
30 Manoel De Vilhena Street,
Mġarr - Gozo
Tel: 2155 8681 / 2156 1316
Fax: 2155 0122 Mob: 9988 8457




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Għaxar Parti )*

## *Il-Kalendarji tat-Temp*

Il-għerf bla miktub tal-bdiewa, is-sajjieda u n-nassaba kien proprju l-kalendarju folkloristiku li kien ta' ħtieġa prattika fis-snajja' tan-navigazzjoni u tal-kultivazzjoni ta' l-art. Naraw li t-twemmin folkloristiku dwar dawn is-snajja' kien relatat kemm mat-twemmin medjoevali u aktar u aktar ma' twemmin relattivament modern. X'kienu dawn il-kalendarji tat-temp li semmejna? Kienu kalendarji msejħin **pronostiku**, jiġifieri kalendarji li jobsru u jbassru minn qabel x'se jkun it-temp għas-sena kollha. Naturalment kien hemm min, wara kollox, ma jemminhomx, u għalhekk il-Għawdxin kellhom ukoll l-espressjoni "**jigdeb daqs pronostku**" għax kienu jifhmu li ħafna minn dak li jitħabbar mill-pronostiku kien ikun bogħod mill-verita'.

Il-*Calendario dell'Agricoltura* - 1850 - li kien inħareġ għall-ewwel darba mis-*Societa` Economico-Agraria*, kien iħabbar it-temp minn qabel billi juża l-metodu ta' **l-irwiegel**. Dan kien metodu primittiv u tradizzjonali għall-aħħar. L-irwiegel jew **għewejjed** huma t-tnax-il ġurnata ta' qabel il-Milied jiġifieri minn Santa Luċija li taħbat fit-13 ta' Diċembru sa l-erbgħa u għoxrin ta' Diċembru jew lejlet il-Milied.

Kull ġurnata minn dawn kienet relatata ma' xahar minn tas-sena d-dieħla, per eżempju t-13 ta' Diċembru, relatat ma' Jannar, l-erbatax, ma' Frar u nibqgħu sejrin hekk. Kien maħsub li t-temp ta' kull ġurnata kien jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor mat-temp tax-xahar relattiv tas-sena d-dieħla. Jekk per eżempju, it-13 ta' Diċembru, l-ewwel riegla, ikun jum kollu xita, mela Jannar se jkun xahar kollu xita. Jekk l-14 ta' Diċembru, it-tieni riegla, ikun jum xemxi, mela Frar se jkun xahar xemxi u bla xita. **Irwiegel** mela hija kelma plural ta' **riegla** jew regola.

Aktar qrib lejna, fiż-żmien ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija u wara, kellna wkoll l-Almanakk tal-Patri, maħruġ mill-Astronomu Għawdxi, Patri Odorik Grima, O.F.M., tal-Patrijiet ta' Ġieżu, li kien magħruf fostna bħala l-Patri tal-Mimm. Dan kien ibassar it-temp għas-sena kollha u jagħti wkoll tagħrif siewi għall-bdiewa.

## *Il-Qamar u t-Temp*

Il-qamar jilgħab parti importanti fit-twemmin dwar it-temp fost il-bdiewa u s-sajjieda tagħna. Għalhekk issa se ngħidu xi ħaġa fuq kif kienu jaħsbuha dari n-nies fuq il-qamar u l-effett tiegħu fuq it-temp u l-ħlejjaq. Il-ħajja tal-qamar iddum 28 ġurnata, u għalhekk, bejn wieħed u ieħor xahar. Il-qamar għandu erba' fażijiet: **Qamar ġdid, l-Ewwel Kwart Qamar Kwinta, l-Aħħar Kwart**. Il-Qamar jagħmel nofs ħajtu jikber jew **jimla**, imbagħad jerġa' jibda jiċkien jew ibattal sakemm jispiċċa fix-xejn. Meta jispiċċa tissejjaħ **it-telfa tal-qamar**. Meta minn kwinta jerġa' jibda jiċkien tissejjaħ **il-kisra tal-qamar**. Issa l-bdiewa dari kienu jemmnu li l-affarijiet miżrugħa jiġu 'l quddiem mal-qamar li jkun qiegħed jimla, u jistgħu jmorru lura u jmutu jekk jinżergħu meta l-qamar ikun qiegħed ibattal. Mal-kisra tal-qamar wieħed għandu wkoll jistenna li tagħmel ix-xita. L-agħar żmien huwa meta l-qamar ikun fit-telfa tiegħu. Min iqiegħed il-qroqqa fit-telfa tal-qamar ikun qiegħed jissogra li t-tagħqida bajd li jpoġġi taħt il-qroqqa ma tirnexxix u l-flieles jew imutu jew joħorġu morda. Dawk li jbatu b'**tal-qamar** aktarx ikunu tnisslu fit-telfa tal-qamar, għaliex **l-epilettiċi** filli jkunu normali, u f'daqqa waħda jintilfu u jinbarmu u jaqgħu ma' l-art. Illum nafu li din hija marda tal-moħħ li tintiret u l-qamar m'għandu x'jaqsam xejn.

Għaliex qamar mimli jissejjaħ qamar **kwinta**? Il-kelma kwinta hija taqsira ta' l-espressjoni "*Luna decima quinta*" jew "*quintadecima*" li jfissru l-qamar fil-ħmistax-il jum tiegħu għaliex skond ir-ritwal Ruman meta l-qamar ikun mimli jkollu ħmistax-il ġurnata.

## *Ir-Riħ*

L-irjieħ jilagħbu parti importanti fit-temp ta' kullimkien, hekk ukoll fit-temp ta' dawn il-gżejjer. Wieħed ma jistax jitkellem fuq it-temp jekk ma jkunx jifhem fl-irjieħ.

L-arja tisħon u tiksaħ skond l-**istaġuni** jew *l*-**iżmna**. Fis-**sajf**, meta x-xemx tkun fil-għoli ħafna u ddum **tisreġ** għal ħafna sigħat, l-arja tisħon għax l-art tisħon. Fix-**xitwa** l-art tiksaħ u l-arja tiksaħ ukoll. Meta l-arja tiċċaqlaq, insejħulha **riħ**. Ngħidu **r-riħ jonfoħ.** Meta jonfoħ ftit, ngħidulu **riħ ħafif**. Meta jonfoħ ħafna, ngħidulu **riħ qawwi**. Ir-riħ ma jonfoħx dejjem mill-istess naħa. Għalhekk ir-riħ għandu diversi ismijiet, skond minfejn jonfoħ. Ismijiet tar-riħ hemm b'kollox **tnejn u tletin**, u l-baħħara suppost li jkunu jafuhom tajjeb, imma aħna se nitkellmu biss mill-aktar tmienja importanti u li kulħadd għandu jkun jafhom sewwa. Mela, ma ninsewx, riħ insemmuh għall-post **minfejn ikun jonfoħ** u mhux fejn ikun sejjer.

L-ismijiet tar-rjieħ huma dawn. Irjieħ kardinali jew ewlenin: **It-Tramuntana** jew **Nord**, **in-Nofs in-Nhar** jew **Sud**, **il-Lvant** jew **Est**, u **l-Punent** jew **Ovest**. Dawn jissejħu wkoll l-irjieħ il-kbar jew **ir-rjieħ maġġuri**.

Fl-antik kien hemm ismijiet oħrajn: It-Tramuntana kienet tissejjaħ **ix-Xmiel**, in-Nofs in-Nhar kien jissejjaħ **il-Gibli,** il-Lvant kien **ix-Xerq,** u l-Punent kien jissejjaħ **il-Għarb**.

Il-Lvant u l-Punent hemm min isejħilhom ukoll **l-Orjent** *u* **l-Oċċident**.

Issa se ngħidilkom kif issibu fejn huma dawn l-irjieħ. F'nofs in-nhar preċiż oqgħod bil-wieqfa fejn ikun hemm ix-xemx. Meta nkunu bil-ħin tas-sajf, il-ħin irid ikun is-siegħa ta' wara nofs in-nhar. Issa, oqgħod dahrek lejn ix-xemx. Id-dell ta' rasek ikun qiegħed jimmarka t-Tramuntana. Ix-xemx ta' warajk tkun qiegħda timmarka n-Nofs in-Nhar. Issa iftaħ idejk beraħ u pponta b'subgħajk. Sebgħek ta' idek il-leminija jkun qiegħed jipponta lejn il-Lvant. Sebgħek ta' idek ix-xellugija jkun qiegħed jipponta lejn il-Punent. Issa għid lil xi ħadd ipinġi vleġġa fuq id-dell ta' rasek biex turi t-Tramuntana. **Il-vleġġa dejjem timmarka lejn it-Tramuntana.** Din il-ħaġa rridu nkunu nafuha biex nifhmu sewwa l-mappi u l-pjanti.

L-ismijiet ta' l-irjieħ sekondarji huma dawn: **il-Majjistral**, **il-Grigal**, **ix-Xlokk**, u **l-Lbiċ**.

Il-Majjistral qiegħed bejn it-Tramuntana u l-Punent, il-Grigal jew riħ Grieg qiegħed bejn it-Tramuntana u l-Lvant, ix-Xlokk qiegħed bejn in-Nofs in-Nhar u l-Lvant, il-Lbiċ qiegħed bejn in-Nofs in-Nhar u l-Punent.

**Ir-riħ jonfoħ l-aktar mill-irjieħ sekondarji**. Ir-riħ mill-Punent, Majjistral u Tramuntana jissejjaħ **riħ fuq**, riħ niexef u aktarx frisk. Ir-riħ mil-Lvant, Xlokk u Nofs in-Nhar jissejjaħ **riħ isfel**, riħ aktarx sħun u umdu. Dan jiġri għax riħ sħun igħaddi minn fuq firxa kbira ta' baħar u jiġbor ħafna umdita' mill-ilma. Fir-riħ fuq ikollna l-**inxufa**, fir-riħ isfel l-**irtuba** u t-**tagħlik**. Għalhekk, il-qawl igħallimna, "**Ir-riħ fuq itajjar l-għakur.**"

Fi kwalunkwe post, biex imkunu nafu x'riħ hu, l-ewwel insibu l-pożizzjoni ta' l-irjieħ, imbagħad naraw minfejn ikun ġej **is-sħab**. Jekk is-sħab ikun ġej min-naħa tal-Punent, ir-riħ ikun punent. Nistgħu nħarsu wkoll lejn xi **pinnur**. **Il-pniener** ikunu fuq id-djar tan-nies, fuq xi arblu ta' bandiera jew fuq il-kampnar tal-knisja. **Il-bnadar** ukoll jimmarkaw ir-riħ. Fuq il-baħar nistgħu nħarsu lejn **il-kurrent** u naraw minfejn ikun ġej, iżda l-aħjar mod, jekk naraw xi vapur idaħħan, għax **id-duħħan** ukoll jimmarka



kif ikun qiegħed jonfoħ ir-riħ. Għat-tajr u l-għasafar ta' l-ajru, il-mod kif jonfoħ ir-riħ għandu importanza kbira. Il-qawl igħid, "**Kull għasfur imur mar-riħ, biss il-bież imur kontriħ**". Mela l-għasafar u t-tajr, itiru mar-riħ, iżda meta jiġu biex jinżlu l-art, iduru kontra r-riħ, ħalli l-inżul ikun sod u r-riħ ma jarmihomx.

Ir-riħ għandu ismijiet oħrajn. **Maltempata** jew **burraxka** tfisser riħ qawwi bix-xita u xi drabi wkoll bis-silġ; **buffuri**, waqgħat tar-riħ qawwija; **grigalata**, **xlukkata**, **majjistralata** u **provenzata**, riħ qawwi mill-Grigal, mix-Xlokk, mill-Majjistral u riħ Provenz (Majjistral ukoll); **riefnu**, **fortunal**, **dagħbien**, **tromba**, **new** u **żinżifru** kollha jfissru forom ta' riħ qawwi li aktarx ikun jobrom. **Furan**, **fewġa**, **sirda**, ***żiffa*** u **riħ l-art** ifissru forom ta' riħ ħafif, b'dan ta' l-aħħar ifisser riħ jonfoħ minn fuq l-art. **Riħ barra** jfisser riħ li jonfoħ minn fuq il-baħar.

Kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl jista' jkollna indikazzjonijiet jekk hux se jagħmel riħ jew le. Wieħed jista' jaqra s-sema kemm meta jkun bnazzi żejt, kif ukoll meta t-temp itella' s-sħab u l-ajrijiet tax-xita. Meta jkun bnazzi s-sema jinqara bil-lejl bl-osservazzjoni tal-kwiekeb. B'xorti ħażina fi żmienna meta hawn ħafna dwal qawwija, is-sema ma jistax jitgawda bil-lejl għax id-dawl artifiċjali jniġġes l-arja u l-kwiekeb ma jibqgħux jidhru minħabba l-awra jew rifless ta' l-arja li tinħoloq permezz ta' dan id-dawl artifiċjali. Il-bdiewa kienu josservaw il-kwiekeb biex ikunu jafu x'ħin sar. Is-sajjieda, kienu wkoll josservaw il-kwiekeb biex, minbarra l-ħin, ikunu jistgħu jaraw jekk humiex sejrin fid-direzzjoni t-tajba. Kliem bħalma huma t-**Trajja tal-Kikkri**, il-**Kawkaw**, **Kewkbet is-Safar**, iż-**Żagħrija**, it-**Triq ta' Sant'Anna**, huma kelmiet u espressjonijiet li kienu komuni f'fomm il-bdiewa u s-sajjieda tagħna.

Hemm ħafna oħrajn. Hemm kwiekeb li jitħarrku u dawn ngħidulhom **pjaneti**. L-aktar li jidhru prominenti huma Venere jew iż-żagħrija, Marte, u Ġove jew bl-Ingliż Jupiter. Il-kwiekeb l-oħra jżommu dejjem l-istess pożizzjoni u dawn jissejħu **stilel fissi**. Dawn huma miġbura flimkien fi **mħalel** jew gruppi b'ismijiet differenti bħal ngħidu aħna: id-**debb il-kbir**, id-**debb iż-żgħir**, il-**ġgant** jew Orion, u ma' dawn hemm imbagħad l-imħalel taż-żodjaku li huma tnax: Per eżempju, id-**Dorbies**; Leo; it-**Tewmin**, Gemini; il-**Miżien**: libra; u oħrajn. Il-kwiekeb fissi jew l-istilel jimxu flimkien mil-lvant għall-punent, l-istess bħax-xemx u l-qamar.

Il-kwiekeb fis-sema jteptpu. Minnhom infushom, billi huma pjaneti jew xmux 'il bogħod ħafna, il-kwiekeb ma jteptpux. Mela t-teptip li naraw ikun ikkawżat mill-atmosfera, jiġifieri mill-arja li hemm madwar id-dinja. Hawn tajjeb infakkru li fl-antik, qabel ma ġew ivvintati t-teleskopji, kienu jemmnu li l-istilel u l-kwiekeb kienu t-toqob tal-ġenna!

Ħalli issa naraw il-qawl tagħna xi jgħid: "**Il-kwiekeb tegħmeż, għandna r-riħ**". Jiġifieri, meta jkun hemm ħafna teptip tal-kwiekeb, aktarx ikollna r-riħ għaliex l-ewwel ċaqliq fl-atmosfera jinħass fin-naħat ta' fuq. Hekk ukoll, "**Meta l-kwiekeb ilebilbu, stenna riħ qawwi**".

Bin-nhar il-bdiewa, is-sajjieda u n-nassaba jaqraw is-sema għax skond is-sħab jistgħu jkunu jafu hux ġej riħ jew le. Sħab sura ta' **rix imqatta'** jew **palma**, aktarx jindika li ġej ir-riħ jew ir-riħ ma jdumx ma jdur. Sħab **naqxet il-fekruna** jfisser jew xita bil-qliel, jew riħ fortuna. **Riħ fortuna** jew **fortunal** ifisser riħ qawwi. Sema bil-palm jew bis-**suf tan-ngħaġ** ifisser li aktarx ġej temp bix-xita jew riħ li ma jdumx ma jdur mix-xlokk għall-punent.

(Jissokta)





LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO

Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt

SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 553500



GELAT TA' VERU... ...DOQTU???
BAXAN ORIGINAL
SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
IL-MENQA - MARSALFORN - GOZO
TEL: 551005 - 551983 FAX: 559959

TEKNO ZONE

T.V.'s, Hi Fi Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.

Call Peter & Maureen Mercieca

Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 09491809 / 09854176
e-mail: teknozon@maltanet.net



IL TERRAZZO
Bar & Restaurant
• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •

Host: Joseph Mercieca
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo

FUQ L-INTERNET

RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
http://www.rtk.org.mt

IL-HAJJA F'GHAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




# ĠUŻEPPI GRECH U L-MITĦNA TA` KOLA FIX-XAGĦRA

F'din il-ħarġa ser nitilgħu sax-Xagħra fejn ser inżuru l-Mitħna ta' Kola. L-ewwelnett ta' min jgħid li din iġġib dan l-isem peress li missier l-aħħar taħħan ta' din il-mitħna, Ġużeppi Grech, kien jismu Kola, u hekk bdiet tissejjaħ il-Mitħna ta' Kola. Ġużepp, li miet fl-1987, baqa' jħaddem il-mitħna sa l-aħħar gwerra għal dak li hu xogħol kummerċjali, imma baqa' jżommha f'kundizzjoni li taħdem sa' l-aħħar.

Tant kellu għal qalbu l-imtieħen li meta fis-sena1979 sema' li l-maltemp kien għamel ħerba mill-mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq, Malta, kien ġie l-Ġgantija, fejn kont qiegħed xogħol, u wrieni x-xewqa li jmur iż-Żurrieq biex jurihom jew jgħinhom isewwuha, u dan ried jagħmlu bla ħlas, ħlief li jaħsbulu għall-irqad u l-ikel. Għadni qed narah b'dawk għajnejh żoroq jilmgħu bir-rispett li kellu lejn dawn il-monumenti. Ftit wara kelli l-okkażjoni li nkellem lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Kultura ta' dak iż-żmien, u wrejtu bix-xewqa ta' Ġużepp Grech. Kien qabel miegħu li ssir xi ħaġa, imma l-affari ma mxietx iktar minn daqshekk.

Darb'oħra, permezz tal-ħabib tiegħi Lorrie Saliba, kont mort inżur lil zitu Marinton, li toqgħod fil-mitħna li tinsab fi Triq Għajn Qatet, wara San Franġisk fir-Rabat, hawn Għawdex, u fost ħafna kliem ieħor kont semmejtilha lil Ġużepp u dritt qabżet qaltli li meta kien għadu jiflaħ, sikwit kien jgħaddi l-mitħna biex jara li kollox kien f'postu fil-mitħna. Dawn huma żewġ episodji li kont imdaħħal fihom jien u li juru kemm Ġużepp kellu għal qalbu l-imtieħen tar-riħ, u kien dan iż-żelu li żamm il-mitħna ta' Kola milli tinqered bħalma ġralhom ħafna mtieħen oħra.

Ħafna mill-għodda li nsibu għall-wiri fil-mitħna kienu ta' l-istess Ġużeppi Grech u bosta minnhom għamilhom huwa stess Kien juża' l-għodda biex iżomm il-mitħna


Il-Mitħna ta' Kola - Xagħra



Ġużeppi Grech- l-aħħar taħħan tal-Mitħna ta'Kola

f'kundizzjoni tajba u li tista' taħdem. Naturalment, fl-aħħar snin, il-mitħna ma kienitx tintuża u għalhekk kien jaħdem dak kollu li kien jiġi għal idejh biex jaqla' l-ħobża ta' kuljum. U hekk ħadem kemm ta' taħħan, bil-mitħna żgħira li taħdem bl-idejn u li kien ivvinta hu stess fis-sular t'isfel, fejn kien jitħan il-ful għas-sajjieda; kemm ta' ħaddied, kif jixhdu l-forġa u l-inkwina flimkien ma' l-għodda; kif ukoll ta' mastrudaxxa, li bħala prova nsibu l-bank tal-injam, kif ukoll numru ta' għodda marbuta ma' din is-sengħa. Huwa ħalla kollox lill-knisja biex jinfetaħ mużew bihom.

Meta matul it-Tieni Gwerra, minħabba n-nuqqas ta' żejt, l-imtieħen ta' l-istim ġew imwaqqfa, Ġużepp kien bieżel ħafna kemm biex iħaddem il-mitħna tiegħu kif ukoll biex jgħin lit-taħħana sħabu jsewwu l-imtieħen tagħhom, li biċċa minnhom kienu ilhom weqfin is-snin. Hekk dan il-bniedem kellu sehem tassew importanti matul l-gwerra biex il-poplu Għawdxi ikun fornut bid-dqiq tant bżonnjuż f'dawk is-snin tal-biża'. F'dak iż-żmien Ġużepp irranġa madwar sebgħin mitħna.

## Il-Bidu tal-Imtieħen.

Niġu issa biex ngħidu xi ħaġa dwar l-istorja ta' l-imtieħen tar-riħ. Dawn l-imtieħen ġew introdotti f'Malta mill-Kavallieri ta' San Ġwann. Kif nafu llum kien il-Gran Mastru Nikola Cottoner (1663 - 1680) li ġab espert tal-imtieħen minn Majorka, il-post fejn twieled u trabba l-istess Gran Mastru, biex jintroduċi l-imtieħen b'sitt antenni. Dawn it-tip ta' mtieħen kienu jikkonsistu biss fit-tromba mingħajr il-kwartieri tat-taħħan. F'Bormla, fil-post magħruf bħala Fuq Santa Margarita, għad hemm waħda mill-għaxra li kienu nbnew mill-Gran Mastru Cottoner. L-imtieħen li nbnew f'Għawdex fi żmien il-Kavallieri nbnew taħt il-Gran Mastri Perellos, De Vilhena u Lascaris. B'kollox inbnew madwar tnax -il waħda f'Għawdex, imma din ta' Kola biss li għada f'kundizzjoni tajba u bil-makkinarju kollu. Din il-mitħna nbniet fis-sena 1725, imma kellha terġa tinħatt minħabba li l-kwalità tal-ġebla u tat-tajn kienu nferjuri. L-istess ġara lil xi mtieħen fin-Nadur u fil-Għarb.

Din reġgħet inbniet xi ftit snin wara u fl-1731 tpoġġa il-makkinarju ta' ġewwa u ġiet mikrija lil Pawlu Refalo għal 144 skud fis-sena. Fl-1807 kienet mikrija lil Liberato Scicluna għal 710 skudi fis-sena u 6 tiġiġiet. Kien fis-sena 1840 li beda jħaddimha ċertu Nikola Sammut mis-Siġġiewi, li jiġi hu n-nannu ta' Manwel Sammut miż-Żurrieq, li għadu mimli bil-għomor u li kien jieħu ħsieb il-mitħna tax-Xarolla, li issa qiegħda f'dejn ibnu Ġorġ. Nikola Sammut kien ħadha b'ċens annwali ta' £33. 19s 2d.(33lira, 19-il xelin u 2 soldi) u warajh ħadha Nikol Grech li jiġi missier Ġużeppi Grech.

## L-Għażla tal-Post

L-imtieħen kienu jinbnew fuq art kemm xejn għola mill-kumplament tal-bini jew anke fuq biċċa art miftuħa u imwarrba mill-istess bini biex ma jkollomx xkiel minħabba r-riħ. Fil-bliet kienu jinbnew fuq l-għola partijiet jew fuq is-swar ħalli jaħkmu kull żiffa. Ebda bini ma seta' jinbena fil-qrib tagħhom b'aktar minn sular wieħed.



L-Għodda li ħalla Ġużeppi Grech

## Madre Margerita De Brincat - 9



*L-aħħar ritratt ta' Madre Margerita qabel ma' mietet*

# *"Inħobbu l-Imħabba" -espressjoni ta' Madre Margerita*

**jikteb Angelo Xuereb**

Madre Margerita kienet mixgħula bl-imħabba lejn Alla. Għaliha kien jiġi l-ewwel u qabel kollox. Jidher li ġiet influwenzata mill-espressjoni mistika ta' San Franġisk ta' Assisi li kien igħid: "L-imħabba mhijiex maħbuba", u ħarġet bl-espressjoni sabiħa: "*Inħobbu l-Imħabba*".

Biex nifhmu aħjar kemm kienet tħoss l-imħabba ta' Alla, tajjeb li naraw ftit mill-kitba tagħha:

"Imħabba titħallas b'imħabba oħra. Inħobbu mela, b'imħabba bla qies lil Dak li wkoll ħabbna b'imħabba bla tarf! Ikun dejjem f'qalbna, f'fommna, f'moħħna; ngħixu dejjem ħajja ta' mħabba mill-qalb, ħelwa, ukoll f'waqtiet ebsin, l-aqwa li dak li nagħmlu, nagħmluh dejjem għall-akbar glorja u ġieħ tiegħu".

"F'waqtiet oħra nħoss il-ħerqa li nistrieħ f'Dik il-Qalb, fuq dak is-Sider minn tiegħu. Inħobbu u noffru lilna nfusna bħala vittma flimkien mal-Kollox tagħna li jitfa' l-kastigi ħelwin tiegħu fuq il-bnedmin biex iressaqna lejh, bħala Missier ta' ħniena l-aktar kbira".

Il-fundatriċi tas-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesu` esprimiet din l-imħabba f'diversi forom: permezz tat-talb, tpattija għall-midinbin, kif ukoll fiż-żelu apostoliku. Iżda fl-istess ħin kienet prattika ħafna. Hija tikteb: "l-imħabba mingħajr ħafna tbatija, sagrifiċċju u umiljazzjoni m'hi mħabba xejn". Darba oħra kitbet: "U billi n-nar filwaqt li jsaħħan, idawwal ukoll, hekk ir-ruħ li tabilħaqq tħobb, fl-istess waqt tkun ukoll umli u ubbidjenti". L-imħabba taqbad fiha ma kenitx espressjoni biss iżda programm ta' ħajja prattika fil-ħajja ta' kuljum.

Nistgħu ngħidu li din l-imħabba kienet tħossha verament fil-qalb tagħha. L-imħabba lejn Alla kien bħal nar jixgħel fiha. Fit-28 ta' Mejju 1895 hija kitbet: "Inħobbu l-imħabba. Inħobbu l-imħabba. Ejjew, ejjew erwieħ ħalli tħobbu l-imħabba". Bħala Franġiskana, fil-Milied u fil-Ġimgħa l-Kbira kienet tħoss esperjenza kbira ta' mħabba lejn Ġesu`.

Dan li għidna fuq Madre Margerita ma għandhux iwassalna biex nifhmu li hija tant kemm kienet mitlufa fl-imħabba lejn Alla ġie li ttraskurat id-dmirijiet tagħha. Din l-imħabba wasslitha biex tagħmel kull xorta ta' sagrifiċċji u ċaħdiet, billi tkun sensittiva għall-bżonnijiet tal-proxxmu u għall-ġid spiritwali fost it-tfal.

L-imħabba tagħha lejn Alla ma kellhiex limiti. Lejn l-aħħar jiem ta' ħajjitha lissnet din l-espressjoni: "Ħalluni mmur. Ma niflaħx iżjed. Ħalluni mmur". Suor Delfina ħalliet bil-miktub fuq l-istat tagħha f'dawn il-jiem: "Hi kienet taqbad bl-imħabba divina, meta kont neħdilha l-polz f'idejja ma kontx inkun niflaħ inżommu daqs kemm kien ikun sħun". Anke t-tabib li kien jieħu ħsiebha, Dr. Anton Tabone, ma kienx jaf jispjega għaliex dik is-sħana kienet daqshekk għolja f'ġisimha.

Jalla Madre Margerita tkun eżempju ta' kif għandna nħobbu lil Alla; fl-emozzjonijiet tagħna kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum bil-ferħ u d-diffikultajiet tagħha.




MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

**David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo**
**Tel. 21553352/21562211 - Mob. 999 5001 - Fax 21562211**

TAL-ĦWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi,*
*Frott Imqadded għall-Ħelu*
*u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

**14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.**
**TEL: 2156 2160**

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Is-Servizzi tas-Saħħa

L-iffinanzjar tas-servizzi tas-saħħa huwa problema mad-dinja kollha. L-ebda pajjiż ma jonfoq biżżejjed f'dan il-qasam soċjali. Iktar ma l-istat joħroġ flus għas-saħħa iktar irid jara minn fejn ser iġib dawn il-flus.

Is-sistema tas-saħħa ta' pajjiżna hija bbażata fuq dik Ingliża li nħolqot fl-1948 minn Lord Bevan li kien Ministru tal-Gvern Laburista ta' dak iż-żmien. Il-prinċipju fundamentali tas-sistema kollha hija li ċ-ċittadin jirċievi s-servizzi kollha tas-saħħa li jkollu bżonn mingħajr ma direttament iħallas xejn għalihom fil-post fejn jirċevihom. F'Malta is-servizzi tas-saħħa huma totalment b'xejn għal kull ċittadin. Huwa stmat li l-ispiża għall-qasam tas-saħħa hija bejn 8 u 10 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku (GDP). Dan l-infiq jikkompara tajjeb ma' dak ta' pajjiżi oħra fl-Ewropa għalkemm fil-maġġoranza ta' dawn il-pajjiżi l-flus mhux kollha ġejjin minn fondi pubbliċi iżda mis-settur privat ukoll.

Meta wieħed jikkunsidra s-servizz tas-saħħa f'Malta, kull gvern jipprova jtejbu u kollox ma' kollox in-nies huma sodisfatti mis-servizz. F'Malta għadna ma wasalniex fis-sitwazzjoni fejn biex issirlek operazzjoni mhix urġenti trid tistenna snin. Minkejja li qed jilħqu numru kbir ta' tobba fil-qasam tal-mediċina primarja, fiċ-Ċentri tas-Saħħa hemm nuqqas ta' tobba u s-sitwazzjoni ma tistax tibqa sejra hekk. Jista jkun li jekk issir xi riforma fis-servizzi tas-saħħa l-ewwel pass jittieħed f'dan il-livell primarju. Madwar sena oħra, meta f'Malta jitlesta l-isptar il-ġdid, is-sistema ta' ħinijiet ta' kif jaħdem l-isptar trid tinbidel ukoll. Dawn huma tibdiliet fundamentali li jridu jsiru fil-qasam tas-saħħa.

F'dawn l-aħħar 50 sena n-numru ta' nies li qabżu il-65 sena rdoppja u kważi laħaq ċifra ta' 20 fil-mija tal-popolazzjoni. L-anzjani normalment ikollhom bżonn aktar kura minħabba mard kroniku li huwa komuni f'età avvanzata. Għalhekk hemm min jirraġuna li ż-żieda ta' l-anzjani ser iżżid l-ispiża fil-qasam tas-saħħa. Iżda esperti oħrajn isostnu li dan mhux il-każ. John Williams, ekonomista magħruf, fil-ktieb tiegħu "Stat Aħjar ta' Saħħa", jgħid li din l-idea mhix realistika, għax dak li jgħodd individwalment ma japplikax għall-popolazzjoni kollha.

Fattur ieħor li qiegħed iżid l-ispejjeż huwa l-avvanz fit-teknoloġija medika u ż-żieda fl-apparat meħtieġ. Illum ċerti operazzjonijiet speċjalizzati, bħal dawk tal-qalb u trapjanti, qegħdin iqumu ħafna u ħafna flus. Aħna għandna żvantaġġ ukoll għax l-apparat u l-mediċini kollha li għandna bżonn irridu nixtruhom minn barra u għalhekk jiġuna ogħla minn pajjiżi oħra fejn dawn ikunu manifatturati. Barra minn hekk hemm spejjeż kbar biex il-gvern jirranġa u jżomm l-isptarijiet li għandna. Wieħed ma jridx jinsa l-ispiża enormi li pajjiżna daħal għaliha bil-bini ta' l-isptar il-ġdid, li meta jkun lest jirrekjedi elufi kbar ta' liri kuljum biex jitmexxa.

Barra l-età u t-teknoloġija moderna, l-abbundanza taż-żminijiet moderni qiegħda twassal biex id-domanda għas-servizzi tas-saħħa tiżdied. Illum aktar nies qegħdin imorru għand it-tobba. Barra minn hekk, l-aspettattiva tan-nies hija ferm akbar u jippretendu aktar, kemm bħala kura u kemm bħala servizz. Is-servizz huwa dritt ta' kull ċittadin irrispettivament mill-qagħda finanzjarja tiegħu.

Iżda dan id-dritt ma jagħtiniex dritt biex nabbużaw mis-sistema. Hemm diversi modi kif isir ħala fis-sistema tas-saħħa, fosthom it-teħid ta' mediċini li ma jkellniex bżonnhom.

Minkejja l-infiq fuq is-saħħa dejjem jiżdied u jinħass il-bżonn ta' aktar fondi. Iżda l-Malti jgħid: "Tħott mingħajr ma trodd sa fl-aħħar is-swar tħott". Jekk ma narawx x'ser nagħmlu biex niffinanzjaw is-sistema tas-saħħa ta' pajjiżna din ser tidħol fi kriżi fil-futur. S'issa l-fondi kollha għas-servizzi tas-saħħa jiġu mit-taxxi, allura biex is-servizz jibqa' jingħata, jridu jiżdiedu t-taxxi. It-tkabbir ta' l-ekonomija mhux biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-infiq dejjem jiżdied fis-sistema tas-saħħa. Anke pajjiżi li huma ekonomikament f'saħħithom, m'humiex kapaċi jżommu servizz tas-saħħa minn fondi pubbliċi biss. Naħseb li wasal iż-żmien li anke f'Malta nistudjaw l-affarijiet u naraw x'alternattivi hemm biex is-servizz tas-saħħa jibqa' jitjieb u jkun sostenibbli.



Fil-pajjiżi Ewropej u fl-Amerika s-servizz tas-saħħa huwa megħjun mis-settur privat billi n-nies huma msieħbin fi skemi ta' assigurazzjoni li huma mħallsin mill-individwi, minn min iħaddem u mill-istat flimkien. Jekk persuna tkun fuq il-benefiċċju soċjali din xorta jkollha d-dritt għas-servizzi tas-saħħa billi l-assigurazzjoni tagħha tkun imħallsa kollha kemm hi mill-istat. Sistemi ta' assigurazzjoni ta' diversi modi nsibuhom jaħdmu tajjeb ħafna fil-Ġermanja, Franza u l-Amerika. Fejn dawn is-sistemi ma jeżistux, bħal fl-Ingilterra, ghal kemm il-kura hija tajba, is-sistema u s-servizz jinsabu fi kriżi. Dan ma jfissirx li f'dawn il-pajjiżi kollox huwa ward u żahar f'dawk li huma servizzi tas-saħħa, iżda meta tqabbel pajjiż ma' ieħor issib li l-aħjar servizzi jinsabu f'dawk il-pajjiżi li għandhom is-settur privat msieħeb magħhom. F'dawn il-pajjiżi ma hemmx differenzi bejn sptarijiet statali u dawk privati, u *waiting lists* kważi ma jeżistux. Barra minn hekk, il-kwalità tas-servizz hija mill-aħjar u effiċjenti.

F'Malta r-riżorsi tagħna huma limitati u għalhekk irridu nsibu modi oħra kif il-pajjiż jiffinanzja s-servizzi tas-saħħa biex dawn jitjiebu u jkunu sostenibbli fil-futur u ma jkunux ta' piż fuq uliedna. Hemm diversi sistemi u modi kif dan jista jseħħ u tajjeb li wieħed jistudja x'alternattivi jeżistu. Naħseb li kien hawn bżonn kbir li din il-problema tkun studjata u diskussa mill-partijiet kollha kkonċernati: poplu, professjonisti u ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, amministraturi u politiċi. Is-settur ekonomiku, b'mod speċjali l-industrijalisti u min iħaddem, għandhom sehem importanti għax wara kollox huma jridu jissussidjaw is-sistema billi jħallsu parti sewwa mill-assigurazzjoni tal-ħaddiema tagħhom. Ħafna azjendi privati ġa daħħlu skemi ta' assigurazzjoni għall-impjegati tagħhom.

Illum jew għada s-sistema kif tkun finanzjata n-nefqa fis-servizzi tas-saħħa trid tinbidel. Dan għandu jkun ta' sfida fil-futur u rridu niffaċċjawħ. Fl-opinjoni tiegħi l-importanti hu li, isir xi jsir, il-prinċipju għandu dejjem jibqa' li min mhux f'pożizzjoni finanzjarja biex iħallas l-ispejjes għas-servizzi tas-saħħa għandu jkollu l-għajnuna kollha mill-istat.

***Nota**: Min irid jagħmel kuntatt bl-email ma' Dr. Mario Saliba jista' juża' l-indirizz:*
***msaliba@waldonet.net.mt***

**Links** *Travel*
*Your link to the world!*
Organisers for Group Tours, Honeymoons, and all other types of Worldwide Travel
47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
***Tel:*** 356 2156 0180, 356 2155 6476 ***Mob:*** 9949 5700
***Fax:*** 356 2156 0181
***Email:*** travel@linksmalta.com ***Web:*** www.linksmalta.com




jikteb
Joe Bajada

# *Ix-Xagħra jirbħu l-Ewwel Post fis-Sitt Edizzjoni tal-"Logħob Mingħajr Konfini"*

It-tim rappreżentattiv ta' Xagħra rnexxielu għall-ewwel darba jirbaħ il-"Logħob Mingħajr Konfini 2002" meta spiċċa fl-ewwel post b'69 punt, ħamsa vantaġġ fuq ir-*runners-up* Żebbuġ. Propju fl-aħħar sentejn Xagħra kienu dejjem spiċċaw fit-tieni post. Fit-tielet post spiċċaw l-ex-*champions* Sannat b'61 punt, mentri d-debuttanti Kerċem spiċċaw ir-raba' bi 38 punt. Wara li spiċċa l-Logħob, Joe Bajada, *chairman* tal-Bord Sportiv Għawdxi qassam it-trofej, kif ukoll medalja lil kull min ipparteċipa. Fil-bidu tad-diskors tiegħu beda biex sellem lit-timijiet kollha parteċipanti, kif ukoll lill-pubbliku li segwa l-logħob li sar fil-*Car Park* ta' Marsalforn nhar is-Sibt 31 ta' Awwissu. Din is-sitt edizzjoni ta' dan il-"Logħob Mingħar Konfini" kienet organizzata bl-istess skop bħal dawk ta' qabilha, fejn barra milli l-atleti ddevertew flimkien, kien hemm ukoll l-inizjattiva biex permezz ta' din l-attivita` sportiva jiġu mgħejjuna diversi għaqdiet li qed jaħdmu bi skopijiet nobbli u filantropiċi. Fil-fatt din is-sena l-ġbir kollu se jmur għall-Moviment Missjunarju Ġesu` fil-Proxxmu, ir-*Respite Centre* ta' Għawdex, kif ukoll il-Missjoni Madonna ta' Pinu fl-Albanija. Joe Bajada kompla jgħid li grazzi għall-ko-organizzaturi l-*Leisure & Animation Enterprices*, din l-edizjoni ġiet amalgamata ma' kampanja ta' ġbir għall-karita minn fuq uħud mir-radjijiet lokali.

Iċ-*Chairman* tal-Bord Sportiv Għawdxi żied jgħid li għal darb'oħra sfortunatament, minkejja d-diversi konfermi ta' parteċipazzjoni minn Kunsilli Lokali oħrajn tant ġimgħat ilu, reġa' kien hemm uħud li rtiraw fl-aħħar ġranet. Huwa żied jgħid li jaf li kultant biex tifforma tim kompost minn nofshom tfajliet u n-nofs l-ieħor ġuvintur, huwa pjuttost diffiċli, għalhekk ħabbar li bħala Bord lesti li jekk sena oħra jerġa' jiġi organizzat, probabilment ikun hemm iktar flessibilita` fil-kompożizzjoni tat-timijiet, biex jiġi iffaċilitat iktar ix-xogħol tal-Kunsilli Lokali biex jiffurmaw it-tim. Joe Bajada tenna li dan l-impenn li wrew dawn iż-żgħażagħ li permezz ta' solidarjetà bl-isports għenu lil ħaddieħor jifhem kif jista' jservi bħala eżempju ħaj għal żgħażagħ oħra.

Finalment huwa rringrazzja lil *Leisure & Animation Enterprises* li flimkien mal-Bord Sportiv Għawdxi organizzaw din l-attivita`. Fuq kollox huwa rringrazzja lill-kollega Carmel Thewma u



l-ħaddiema tal-Kumpless Sportiv għax-xogħol li wettqu biex organizzazjoni tali setgħet tħalli l-frott mixtieq. Joe Bajada radd ħajr ukoll lil Joe M. Attard li mexxa s-serata b'mod tant divertenti. Grazzi mill-qalb marret ukoll lejn il-kumpaniji u ditti li għoġobhom jisponsorjaw din l-attivita`, fosthom lil Vodafone, Lowenbraw, Marsovin, H.H. Ltd., Tasika Auto Dealer u Domenic Department Stores, kif ukoll lill-kantant Joe Demicoli li kompla ferraħ lil dawk preżenti. Grazzi wkoll marret għall-Kunsilli Lokali li ħadu sehem, fejn Kerċem ħadu sehem għall-ewwel darba. Huwa rringrazzja wkoll b'mod speċjali lill-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ ta' l-għajnuna kollha li taw fejn mhux biss reġgħu għal darb'oħra ħarġu l-permessi meħtieġa biex dan il-logħob isir fit-territorju tagħhom, iżda wkoll għal għajnuniet oħra li offrew. Grazzi oħra marret għall-kumpanija ta' Leo Said, il-Kumitat tal-Kultura, St John Ambulance Brigate, kif ukoll lill-pulizija ta' l-għajnuna u l-koperazzjoni li offrew. Radd ta' ħajr ieħor mar lejn ir-Radjijiet RTK, Calypso, Capital u Fantasy għall-pubbliċita' li taw mhux biss lil din l-attivita` iżda lill-Kampanja ta' Karita` li ġiet ukoll amalgamata ma' din l-edizzjoni. Huwa temm id-diskors tiegħu billi feraħ lir-rebbieħa u lil dawk kollha li ħadu sehem.





# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

♦ ***Iljieli f'vann għal doughnut***

Raġel Amerikan u ibnu għamlu żewġt' iljieli jorqdu f'vann biex ikunu ċerti li jkunu minn ta' l-ewwel li jduqu tip ta' *doughnut* ġdida fi New England! L-isforzi tagħhom ġew ippremjati għaliex meta semgħu b'dan, is-sidien tal-kumpanija li tipproduċi l-*Krispy Kreme Doughnuts*, irregalawlhom biżżejjed *doughnuts* għal sena sħiħa! Kienu Richard Ahern u ibnu Christopher li daqu għall-ewwel darba d-*doughnut* il-ġdida fil-ħanut ta' Newington, f'Conneticut.

♦ ***Shampoo fuq l-istage tal-linja***

Il-kumpanija li tipproduċi x-*shampoo 'Head and Shoulders'*, varat skema ġdida ta' pubbliċita`. Permezz ta' din l-iskema, l-*bus shelters* kollha f'Sheffield għandhom riħa tax-*shampoo* li tipproduċi l-kumpanija. L-amministrazzjoni ta' Sheffield laqgħet b'sodisfazzjon din l-innovazzjoni għaliex qed tnaqqas ir-riħa ta' dħaħen li kien ikun hemm f'dawn il-postijiet frekwentati min-nies.

♦ ***Qattusa timxi 360 mil***

Qattusa li kienet ġiet irrapurtata nieqsa mis-sidien tagħha, instabet 360 mil bogħod mid-dar. Il-qattusa *Gallagher* ta' tliet snin instabet xahar wara t-tluq tagħha mid-dar f'Hampshire. Sidha, Rachael Pedley, qatt ma emmnet li l-qattusa setgħet tmut bil-ġuħ jew tittajjar minn xi karozza, għaliex, skond hi, kienet qattusa avventuruża ħafna u dejjem fuq l-allert.

## MONUMENTI U ĠONNA TAL-ĠENN... B'KAROZZI QODMA!






Il-bniedem modern ma tafx fejn jista' jasal bl-immaġinazzjoni fertili tiegħu! Saħansitra fl-użu ta' karozzi qodma!... Jim Reinder minn Nebraska (U.S.A.) waqqaf riproduzzjoni perfetta tal-"Stonhenge" u bidilha f' "Carhenge" bi 38 karozza qadima tal-50's u 60's, fl-1982. F'għoxrin sena marru madwar miljun ruħ jaraw din il-ġennata! U Lee Wells mill-Ingilterra fettillu jiksi l-karozza tiegħu Ford Fiesta bil-ħaxix tat-"turf" biex żgur is-sadid ma jidhirx u jkollu "ġnien" jiġri dejjem miegħu! U aħna narmu l-karozzi qodma ġol-għelieqi... għall-ġrieden!

# M. & L. REFALO Ltd.

60, Racecourse Street, Xaghra, Gozo.
Tel: 21552855 • Fax: 21563740 • Mobile: 9947 5855
Website: www.mlrefalo.com
E-mail: mlrefalo@melita.net • service@mlrefalo.com




FREE QUOTES

## SECTIONAL DOORS FOR GARAGES + Remote Control

WE ALSO PRODUCE ALL TYPES OF ALUMINIUM & DOUBLE GLAZING

# GĦONJA FIS-SERVIZZ TA' MĦABBA




# JIEM IMPORTANTI

## biex INT taħseb iktar f'ĦUTEK

**JUM IL-KARITÀ**
Fil-Festa ta' Kristu Re

**JUM IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**
Fit-3 ta' Diċembru

**JUM IL-ĦAJJA**
Fl-Ewwel Ħadd ta' Frar

**JUM IL-MORDA**
Fil-11 ta' Frar

**KAMPANJA TA' SAGRIFIĊĊJU**
Matul ir-Randan kollu

**JUM IL-ĠENEROŻITÀ**
Qrib il-Festa Titulari ta' kull Parroċċa